Ħarġa nru 7
Diċembru 2011

# l-aċċent

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

- M'għandekx toqtol. Allura, la toqtolx! 1
- Bil-Kelma t-Tajba 11
- Proposti għall-istandardizzazzjoni dwar il-kitba tan-numri li għandhom il-punt 11

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija**

- Crime correctionalisé, misdemeanour… jew xiex? 14
- Kliem l-art: dawra mal-matorral 15

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra**

- Il-Malti minn Brussell 22
- Il-VTS: Mod kif nitgħallmu minn xulxin 23
- Il-Proġett tad-dizzjunarju ta' Aquilina online 24
- Għodda għal kwalità aħjar 28
- L-istorja ta' Malta mil-lenti lingwistika 30
- Dun Karm it-traduttur : il-50 anniversarju mill-mewt tal-poeta nazzjonali 31

*It-twavel li niżżel Mosè minn fuq is-Sinaj kellu jkollhom minqux fuqhom 'M'ghandux ikollok Alla iehor ghajri' minflok 'Ma jkollokx Alla iehor ghajri'? Vallapena li nkunu preċiżi fejn tidhol il-leġiżlazzjoni (jew leġislazzjoni?) tas-smewwiet! Forsi jkun jista' jilluminana d-dizzjunarju online ta' Aquilina, li qed jithejja bhalissa? Jew niddibattuha fil-kurituri, biċ-ċans li l-qiegha tishon sa xi sebghin punt wiehed hamsa gradi Celsius, nispiċċaw nibaghtu lil xulxin insaqqu l-isġajriet tal-matorral, jonkella xi hadd jispiċċa jwettaq xi misdemeanor? Bilhaqq, ghandna kelma bil-Malti ghal misdemeanour, jew ahjar inhalluha bl-Ingliż?*

*Il-paġni li ġejjin ghandhom joffru spunti infurmati ghal diskussjoni dwar dan kollu. Dan minbarra ghadd ta' kitbiet dwar inizjattivi u materji ohrajn li kull min il-Malti huwa l-ghodda ewlenija ta' xoghlu ghandu jsibhom hobż ghal snienu.*

*Ma' din il-harġa qed jitqassam suppliment bil-mudelli aġġornati tal-Legiswrite, li hija l-ghodda elettronika li l-Kummissjoni Ewropea tuża ghad-dokumenti leġiżlattivi.*

*Il-Bord Editorjali*

## BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

### M'għandekx toqtol. Allura, la toqtolx!

Mark A. Sammut

Waħda mill-problemi ewlenin, fil-fehma tiegħi, tat-traduzzjoni Maltija ta' żmienna hija t-twessigħ semantiku tal-ekwivalenti ta' *should* (*għandu*[1]) biex jinkludi wkoll *shall*, b'konsegwenza li fit-testi Maltin huwa diffiċli, biex ma ngħidx impossibbli, tagħżel bejn *shall* u *should*.

F'dan is-saġġ se nipprova nanalizza l-problema li kemm *shall* u kemm *should* jiġu tradotti bil-kumpless verbali *għandu* + imperfett, filwaqt li nissuġġerixxi soluzzjoni għaliha.

### 1. X'jgħidu d-dizzjunarji dwar *għandu*

#### 1.1 Aquilina

Id-dizzjunarju ta' Aquilina (EN-MT) jagħti t-tifsiriet kif ġej.

Għal *shall* jgħidilna, "7. għoti ta' istruzzjonijiet/ordnijiet/twiddib: *the schoolchildren ~ remain in class until all their essays have been read*, it-tfal joqogħdu fil-klassi sa ma jinqraw l-esejs tagħhom kollha; *thou shalt not kill*, la toqtolx; *he ~ go*, għandu jitlaq".[2]

Nissuspetta li l-aħħar eżempju (*he shall go*) kien miżjud minn xi ħadd mill-ajjutanti ta' Aquilina, billi fil-volum MT-EN għall-vuċi *għand* Aquilina jagħtina: "3. *Must, should, have to, be obliged to*"[3] u mkien ma jagħtina *shall*.

[1] Interessanti li mid-dehra l-użu ta' *għandu* f'das-sens jinsab biss fil-Malti u fl-Għarbi ta' Al-Andalus. (Tagħrif mogħti lill-awtur mill-Prof. A. Borg.)
[2] Aquilina, J. (2000): p. 2881.
[3] Aquilina, J. (1990): p. 967.

Għal *should*, Aquilina jgħidilna: "12. ifisser obbligazzjoni: *you ~n't swear when you lose your temper*, m'għandekx tibda tigbed meta jitlagħlek; *university professors ~ write books about their speciality*, professuri [*sic*][4] tal-università jmisshom jiktbu kotba fuq l-ispeċjalità tagħhom; *I ~ tell you*, għandi ngħidlek".[5]

### 1.2 Il-Miklem ta' Serracino Inglott

Erin Serracino Inglott jgħidilna, dwar *għand*: "(7) *bis-suff. pron. tal-pers. qudd. v. fl-imperf.: (i) tfiss. li l-azzjoni tal-v. għad trid issir, iżda li wieħed jistenna li ssir; (ii) tfiss. li l-azzjoni jaħtieġ li ssir*".[6]



Naħseb huwa ta' siwi mhux żgħir li Serracino Inglott ma jużax kunċetti marbutin ma' "amar, ordni, struzzjoni, twiddiba" biex ifisser dil-vuċi.

### 2. It-taħdit ġuridiku

**2.1** Dak li għandhom xi jgħidu d-dizzjunarji huwa interessanti[7], imma huwa interessanti aktar il-fatt li fl-Ingliż ġuridiku t-terminu *shall* ma huwiex daqstant espressjoni ta' obbligu daqskemm espressjoni ta' "awtorevolezza".[8] Il-Professur Christopher Williams din l-osservazzjoni jesplikaha kif ġej:[9]

Indeed, if we wished to get to the core of the meaning of the shall construction, it could be said to be that of expressing authoritativeness. The shall construction represents, as it were, the voice of authority. If one starts to ask whether it expresses or entails an obligation, or whether its meaning is either mandatory or directory, it starts to slip from our grasp, as Foley has underlined, citing also other authors such as Kimble: "I'm afraid that shall has lost its modal meaning – for drafters and for courts. Drafters use it mindlessly. Courts read it any which way." Kimble's observation would appear to be slightly inaccurate, however. It is not so much that shall has lost its modal meaning, for that would entail that it only has future meaning (insofar as shall, like will, is a marker of futurity), which is clearly not the case. Rather, one should beware of assuming that obligation is an entailment where the shall construction is used, for there are cases where this is not so. In short, shall may sometimes be little more than a stylistic device indicating that we are dealing with a prescriptive legal text. [… I]t conjures up "some flavour of the law". As Foley has pointed out, there are cases of shall constructions in legal texts where "no interpretation of obligation is possible", particularly in non-agentive clauses, as is frequently the case with passive constructions.

**2.2** Huwa ċar li, kif jgħid il-Professur Williams, *shall* ma hijiex sewwasew il-futur temporali. Fil-fatt, tajjeb wieħed jiċċara x'inhu jgħid Williams. *Shall* hija futur nondeittiku, jiġifieri temp verbali karatterizzat minn nuqqas assolut ta' "temporalità". Fi kliem ieħor, huwa temp verbali li għandu fissità indipendenti min-nixxiegħa taż-żmien. Din hi, fil-fehma tiegħi, l-essenza ta' kull test ġuridiku-preskrittiv.

### 3. L-ekwivalenza ta' *shall* fil-Malti

Nipproponi li naħdem b'dil-metodoloġija: l-ewwel, se ngħarbel xi artikoli mill-Kodiċi Ċivili Malti (Kap. 16, Liġijiet ta' Malta). Se nagħżilhom apposta ħalli filwaqt li jitħaddtu dwar l-istess aspett tad-Dritt tal-Persuni, se jkunu kif ġej: uħud minnhom leġiferazzjoni antika u oħrajn leġiferazzjoni aktar reċenti. It-tieni, se ngħarbel xi artikoli mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-raġunijiet għal dil-għażla huma mill-anqas tnejn: (i) il-Kostituzzjoni għandha ambjent semantiku neċessarjament divers mill-bqija tal-leġiżlazzjoni l-oħra kollha, u (ii) il-Kostituzzjoni Maltija hija kodifikazzjoni tal-

[4] Wieħed jistħajjel li t-traduzzjoni t-tajba kellha tkun "il-professuri".
[5] Anki hawn nissuspetta id barranija.
[6] Serracino Inglott (2007): p. 176.
[7] Minkejja t-tendenza premoderna Maltija li tħobb aktar il-kelma mitħaddta minn dik miktuba u kważi tqis lid-dizzjunarju aktar bħala ingombru milli bħala għodda.
[8] Williams, C. (2004): pp. 217-246.
[9] Op. cit., p. 235.

Kostituzzjoni Ingliża li ma hix miktuba.[10] It-tielet, se ngħarbel xi dispożizzjonijiet mill-Kostituzzjoni tal-Unjoni Ewropea u se nqabbel uħud minnhom mal-Kostituzzjoni Maltija. Fl-aħħar nett, se noffri xi eżempji estremi li jixħtu dawl fuq il-problema.

### 3.1 Il-Kodiċi Ċivili

Is-Sottotitolu FUQ IL-JEDDIJIET U D-DMIRIJIET BEJN AXXENDENTI, DIXXENDENTI U AĦWA (L-Artikoli 7-34) fih artikoli li ġew emendati fl-1973, fl-1993 u fl-2004. Naturalment, l-artikoli li ma ġewx emendati baqgħu kif kienu oriġinarjament, jiġifieri skont it-traduzzjonijiet li saru meta l-Malti sar ilsien uffiċjali. Se niffoka fuq suċċessjoni ta' ħames artikoli, magħżulin mingħajr fini ulterjuri, għad li meta ntgħażlu rriżulta li huma tipiċi: 13, 14, 15, 16, u 17.

L-Artikolu 13 (mhux emendat):

| | |
|---|---|
| (1) The obligation of such persons as according to the order set forth in the last preceding article are placed in the same degree of liability, ***shall be*** a joint and several obligation. | (1) L-obbligu ta' dawk illi, fl-ordni miġjub fl-aħħar artikolu qabel dan, huma mqegħdin fl-istess grad, ***huwa*** *in solidum.* |
| (2) The persons, however, who according to such order, are placed in a remoter degree ***shall have*** only a subsidiary liability, if those in a nearer degree are unable to discharge their obligation. | (2) Iżda dawk li, skont l-ordni ta' hawn fuq, huma mqegħdin fi grad iżjed fil-bogħod, ***huma*** obbligati biss *in subsidium*, meta l-manteniment ma jkunx jista' jittieħed mingħand persuni fi grad eqreb. |

Punt uniku ta' osservazzjoni: *shall be* = *huwa* (jiġifieri imperfett indikattiv).

L-Artikolu 15 (mhux emendat):

| | |
|---|---|
| (1) The liability for maintenance ***shall extend*** to brothers and sisters, of the full or half-blood, only in default of other persons liable for maintenance. | (1) L-aħwa bniet u subien, sew jekk aħwa mill-missier u l-omm, kemm jekk mill-missier jew mill-omm biss, ***għandhom ukoll*** l-obbligu tal-manteniment lejn xulxin, iżda biss meta ma jkunx hemm persuni oħra obbligati. |
| (2) In any such case the liability of brothers and sisters ***shall be*** joint and several. | (2) L-obbligu tal-aħwa bniet u subien, meta hemm dan l-obbligu, ***huwa*** wkoll *in solidum*. |
| (3) The persons mentioned in article 12 ***shall***, in all cases, ***have*** a prior claim over brothers and sisters, except in cases of great urgency, regard being had to health, age, or other circumstances. | (3) Il-persuni msemmijin fl-artikolu 12 ***għandhom*** dejjem preferenza fuq l-aħwa subien u bniet, barra minn fil-każijiet ta' urġenza kbira, billi jittieħed qies tal-età, tal-istat tas-saħħa u ta' ċirkostanzi oħra. |

[10] Ara King, A.S. (2007), *passim*, għal taħdita dwar in-natura vera u mutevoli tal-Kostituzzjoni Ingliża. Dan huwa saġġ teoriku, bħal ta' Bagehot.

Punti ta' osservazzjoni:

i. Fis-subartikolu (1) *shall extend* = *għandhom ukoll*. Hawnhekk, it-traduttur uża strateġija ta' traduzzjoni interessanti, li fiha uża l-verb *kellu* ("għandhom", fl-imperfett indikattiv) + *ukoll* biex ifisser *to extend*.

ii. Fis-subartikoli (2) u (3), il-Malti jagħmel użu mill-imperfett indikattiv *huwa*, *għandhom*.

L-Artikolu 14 (emendat fl-1993[11] ):

| | |
|---|---|
| (1) Where several persons claim maintenance from a person who is unable to supply maintenance to all of them, the order set forth in article 12 ***shall be observed*** in determining the right of priority of such claimants. | (1) Meta żewġ persuni jew aktar jitolbu l-manteniment mingħand min m'għandux imnejn jagħtih lilhom ilkoll, fil-preferenza li tingħata lill-waħda fuq l-oħra, ***għandu jiġi mħares*** l-ordni miġjub fl-artikolu 12. |

Punt uniku ta' osservazzjoni: Fil-Malti jseħħ il-fenomenu tax-shining-through:[12] it-test oriġinarju (TO) jiddi mit-tertuqa tat-test destinatarju (TD). *Shall be observed* = *għandu jiġi mħares*. It-traduzzjoni hija litterali.

| | |
|---|---|
| (2) Nevertheless, it ***shall be*** lawful for the court to depart from the rule laid down in sub-article (1) of this article in cases of great urgency, regard being had to the health, age or other circumstances of the claimants. | (2) Madankollu, il-qorti ***tista'*** titbiegħed mir-regola miġjuba fis-subartikolu (1) f'każijiet ta' urġenza kbira, billi tqis l-istat tas-saħħa, l-età jew ċirkostanzi oħra tal-persuni li jitolbu l-manteniment. |

Punt uniku ta' osservazzjoni: It-traduttur jevita l-kollokazzjoni Ingliż "*to be lawful*", bl-użu (tajjeb) ta' strateġija ta' traduzzjoni li titbiegħed mil-litterali u twassal l-istess messaġġ metalingwistiku fit-TD.

L-Artikolu 16 (emendat fl-1993[13]):

| | |
|---|---|
| (1) The liability for maintenance, by reason of consanguinity, ***shall*** only ***exist*** as between the persons, and in the cases mentioned in the foregoing articles of this Sub-title. | (1) L-obbligu tal-manteniment, minħabba l-qrubija mid-demm, ***iseħħ*** biss bejn il-persuni u fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu. |

Punt uniku ta' osservazzjoni: *shall exist* = iseħħ (imperfett indikattiv).

[11] XXI.1993.9.
[12] Għal spjegazzjoni tal-fenomenu tax-shining through u n-normalizzazzjoni tiegħu, kif ukoll għal taħdita dwar il-proċess ta' traduzzjoni mil-livell lingwistiku fit-TO għal-livell metalingwistiku lura għal-livell lingwistiku fit-TD ara l-ktieb tal-Professoressa Elke Teich (2003), *passim*. Fi ftit kliem, dal-fenomenu jfisser li l-istruttura tat-test oriġinarju tibqa' tidher fit-test destinatarju. Eż: it-traduzzjoni ħażina 'animal feed' = 'għalf tal-annimali', mentri t-traduzzjoni t-tajba għandha tkun sempliċement 'għalf', billi ma hemmx għalf jekk mhux għall-bhejjem! Huwa ċar li fit-test destinatarju qed jiddi t-test oriġinarju.
[13] XXI.1993.10.

| | |
|---|---|
| (2) Such liability ***shall cease*** even in regard to such persons, if the claimant ***shall have become*** indigent through his fault:<br>Provided that this ***shall not apply*** where the claimant are the parents, or other ascendant. | (2) Dan l-obbligu lanqas ***ma jibqa' jseħħ*** favur il-persuni hawn fuq imsemmija jekk min jitlob il-manteniment ***ikun ġie*** fil-bżonn bi ħtija tiegħu:<br>Iżda dan ***ma jgħoddx*** meta dawk li jitolbu l-manteniment huma l-ġenituri, jew axxendent ieħor. |

Punt uniku ta' osservazzjoni: *shall cease = (lanqas) ma jibqa' jseħħ*; *shall not apply = ma jgħoddx* (imperfett indikattiv).

Artikolu 17 (emendat fl-1993[14]):

| | |
|---|---|
| (1) Where a brother or sister has received maintenance, and, within ten years of the last supply thereof, becomes able to repay the amount so received, he or she ***shall be bound to repay*** such amount to the person supplying the maintenance, provided the demand for reimbursement be made within the said time. | (1) Jekk l-aħwa, bniet jew subien, ikunu ħadu l-manteniment, u fi żmien għaxar snin mill-aħħar darba li lilhom ikun ingħata l-manteniment isiru jistgħu jħallsu dak li rċevew, ***għandhom iroddu*** dak l-ammont lil min ikun tahom dak il-manteniment, basta li t-talba għar-radd issir f'dak iż-żmien. |

Punt uniku ta' osservazzjoni: *Shall be bound to repay = għandhom iroddu*. It-traduzzjoni hija litterali.

**3.2 Il-Kostituzzjoni ta' Malta**

Il-Kapitolu II tal-Kostituzzjoni fih id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji li għandhom inebbħu lill-Istat fl-"għemil tal-liġijiet", imma li ċ-ċittadin ma jistax jieħu lill-Istat il-Qorti jekk l-Istat ma jimxix magħhom[15]. Minkejja dan, id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji hija ġabra ta' 13-il artikolu li fil-maġġoranza tagħhom (il-fatt li mhux kollha huma hekk hu kurjuż fih innifsu[16]) fl-Ingliż fihom *shall*. Kull fejn l-Ingliż juża *shall*, il-Malti juża l-kumpless verbali *għandu* + imperfett.[17]

Minn dan nosservaw li, kif jgħidilna l-Professur Williams,[18] *shall* "is sometimes used loosely in legal texts, i.e. as little more than a stylistic marker".

Minkejja li l-kunċetti u n-nozzjonijiet tagħha huma fil-biċċa l-kbira meħudin mid-Dritt Kostituzzjonali Ingliż, il-Kostituzzjoni tagħna hija dokument awtoktonu. Xorta waħda nosservaw illi timxi mal-mudell li *shall = għandu*, minkejja li rajna, aktar 'il fuq, li fil-Kodiċi Ċivili *shall* daqqa tiġi tradotta fil-Malti bl-imperfett indikattiv u daqqa = *għandu*. Irridu ngħidu wkoll, imma, li hemm aktar minn kittieb wieħed li jista' jirreklama l-paternità tal-Kostituzzjoni tagħna, fosthom xi Ingliżi li imponew ċerti dispożizzjonijiet fuq it-test abbozzat mill-Professur J.J. Cremona.[19]

---

[14] XXI.1993.11.
[15] L-Artikolu 21 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.
[16] Iva u le, għax kif jirrimarka l-Professur Williams (op. cit., p. 238), hu u jitkellem dwar il-Kostituzzjoni Amerikana, donnu "the shall auxiliary in English would seem to project the verbal situation towards the future more strongly than the present indicative does" – u dan billi l-Kostituzzjoni Amerikana ma kinitx operattiva mill-ewwel, imma kellha tistenna li tingħata l-operattività tagħha.
[17] L-Artikoli 8, 9, 10, 11(2), 12, 13(1), 14, 15, 16, 18, 19, 20, u 21.
[18] Williams, C., op. cit., p. 237.
[19] Ara l-kotba ta' John J. Cremona dwar l-istorja kostituzzjonali ta' pajjiżna.

B'danakollu, fil-Kapitolu I tal-Kostituzzjoni nsibu fenomenu interessanti. It-test Ingliż isir deskrittiv, u juża l-imperfett indikattiv. Il-Malti jimxi warajh mingħajr ma hu konxju minnu nnifsu.[20] Ma' dil-parti tal-Kostituzzjoni ngħaddi issa biex nagħmel paragun.

### 3.3 It-testi tal-Unjoni Ewropea

Se nislet mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Kostituzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

| Kostituzzjoni ta' Malta (EN) | Kostituzzjoni ta' Malta (MT) | Kostituzzjoni tal-Unjoni Ewropea (EN) | Kostituzzjoni tal-Unjoni Ewropea (MT) |
|---|---|---|---|
| **3.** (1) The National Flag of Malta ***consists*** of two equal vertical stripes, white in the hoist and red in the fly. | **3.** (1) Il-Bandiera Nazzjonali ta' Malta ***tikkonsisti*** f'żewġ strixxi vertikali ndaqs, bajda mal-arblu u ħamra n-naħa ta' barra. | **I-8**. The flag of the Union ***shall be*** a circle of twelve golden stars on a blue background. | **I-8**. Il-bandiera tal-Unjoni ***għandha tkun*** ċirku ta' tnax-il stilla tad-deheb fuq sfond blu. |
| **4.** The National Anthem of Malta ***is*** *L-Innu Malti* opening with the words "*Lil din l-Art Ħelwa l-Omm li tatna isimha*". | **4.** L-Innu Nazzjonali ta' Malta ***huwa*** *L-Innu Malti* li jibda bil-kliem "Lil din l-Art Ħelwa l-Omm li tatna isimha". | **I-8.** The anthem of the Union ***shall be based*** on the "Ode to Joy" from the Ninth Symphony by Ludwig van Beethoven. | **I-8.** L-innu tal-Unjoni ***huwa bbażat*** fuq «Odi lil Hena» mid-Disa' Sinfonija ta' Ludwig van Beethoven. |

Punti għall-osservazzjoni:

(i) Fid-dispożizzjonijiet dwar il-bnadar rispettivi, il-Malti tal-Kostituzzjoni Maltija juża l-imperfett indikattiv, x'aktarx għax anki l-Ingliż jużah, filwaqt li l-Malti tal-Kostituzzjoni tal-UE juża *għandu* bħalma l-Ingliż juża *shall be*.

(ii) Fid-dispożizzjonijiet dwar l-innu, kemm il-Malti kemm l-Ingliż tal-Kostituzzjoni Maltija jużaw l-imperfett indikattiv, filwaqt li l-Malti tal-Kostituzzjoni tal-UE juża l-imperfett indikattiv, mentri (u dan hu importanti) l-Ingliż juża *shall*.

**3.4** Il-membru tal-Accademia della Crusca – l-ogħla istituzzjoni lingwistika Taljana – Bice Mortara Garavelli tagħmel osservazzjoni li tiswa mitqilha deheb, għax tiftħilna għajnejna għall-fatt li l-problema ma hijiex konfinata għal Malta:

> Meno osservata, anche se sancita in documenti ufficiali, è la decisione di evitare il più possibile l'uso delle forme del verbo *dovere* per realizzare la modalità deontica dell'obbligo, che dovrebbe essere affidata al presente indicativo e interpretata in relazione al contesto.[21]

Fin-nota f'qiegħ il-paġna, l-awtriċi tispjegalna x'inhi did-deċiżjoni li hija "osservata anqas" billi tirreferina għal dokument tal-1986 tal-Kamra tad-Deputati Taljana, *Formulazione*

[20] Fid-dokument tal-indipendenza nazzjonali, it-test Malti hu fl-eqqel tal-mentalità kopjatriċi-kolonjali tiegħu.
[21] Mortara Garavelli, B. (2001): pp. 114-115.

*tecnica dei testi legislativi*, li jgħidilna hekk: "Va scoraggiato l'uso del verbo servile diretto a sottolineare l'imperatività della norma ("deve", "ha l'obbligo di", "è tenuto a")".[22]

F'kelma waħda, anki fl-Italja l-użu ta' "dovere + infinito" (*għandu* + imperfett; *shall* + infinit) ukoll huwa mifrux minkejja li joħloq problemi ta' interpretazzjoni ("possa insorgere dubbio sul carattere permissivo o imperativo della disposizione"[23]).

### 3.5 Il-problema fil-Malti

**3.5.1** Iżda fil-Malti l-problema tieħu dimensjoni doppja, mhux biss minħabba fl-osservazzjoni magħmula mil-lingwisti Taljani dwar id-dubji fuq il-karattru tad-dispożizzjoni, imma wkoll minħabba fil-fatt li, kif għedna fil-bidu nett, id-distinzjoni li hemm fit-Taljan bejn "dovrà" u "dovrebbe" (u fl-Ingliż bejn *shall* u *should*) fil-Malti tintilef kompletament għax iż-żewġ kunċetti qegħdin jiġu ppreżentati bħala *għandu*.

### 3.5.2 L-użu ta' *shall* fit-testi tal-Unjoni Ewropea

Billi donnu l-użu jitbiegħed minn dak li jgħidu d-dizzjunarji, se nirreferi għall-konferma li tagħti b'mod xjentifiku l-Professoressa Laura Mori li fit-testi tal-Unjoni Ewropea *shall* tinqaleb bħala *għandu*, jiġifieri *għandu* tintuża b'mod preskrittiv. Filwaqt li tagħtina korp żgħir ta' eżempji biex tillustra l-punt tagħha, il-Professoressa Mori tgħidilna hekk:

> In generale si osserva che là dove l'italiano ricorre al presente indicativo per esprimere il carattere di perentorietà dell'enunciato, l'inglese predilige l'uso di *shall* e il maltese utilizza la forma *ghandha* (f.s.)/ *ghandu* (m.s.)/*ghandhom* (pl.) accordata con il soggetto della frase al fine di attribuire un valore modale al verbo flesso che segue all'imperfettivo.[24]

### 3.5.3 L-użu ta' *should* fit-testi tal-Unjoni Ewropea

Kull tiftixa bil-magni ta' riċerka tal-Unjoni Ewropea stess tindika li *should* tinqaleb kważi dejjem *għandu*.

### 3.5.4 *Shall* u *should* użati flimkien fit-testi tal-Unjoni Ewropea

Se nislet tliet eżempji li fihom *shall* u *should* intużaw fl-istess frażi, u se nagħmel dan għax huwa bl-eżempju estrem li nifhmu l-eżempji aktar kwotidjani. Minn dawn l-eżempji se nuri biċ-ċar il-konfużjoni li tirrenja minħabba li ż-żewġ termini jiġu tradotti bħala *għandu*.

Eżempju 1: Minn COM(2008) 830 finali (4.1.3):

| | |
|---|---|
| (***'shall' should*** be replaced by 'are': this is not an obligation but a simple factual description) | (it-terminu ***'għandu', għandu*** jinbidel b''huwa': is-suġġett hawnhekk mhuwiex obbligu, imma sempliċement deskrizzjoni fattwali). |

Eżempju 2: Mill-Fajl Interistituzzjonali 2009/0005 (COD) tas-7 ta' Diċembru 2009:

| | |
|---|---|
| it argues that there is an apparent incoherence with Article 1 of the Directive and that the word ***"shall" should*** be used. | hija targumenta li hemm inkoerenza apparenti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva u li l-kelma ***"għandhom" għandha*** tintuża. |

[22] *Ibid.*, p. 115, nota 67 f'qiegħ il-paġna.
[23] *Idem*, jiġifieri fl-istess nota f'qiegħ il-paġna.
[24] Mori L. (2009). Nixtieq inrodd ħajr lill-Professoressa li kienet ġentilissima u bagħtitli x-xogħol tagħha qabel ma ġie effettivament ippubblikat. Se jkun stampat minn Bulzoni ta' Ruma.

Eżempju 3: Minn 2009/C 128/01, paragrafu 71:

| | |
|---|---|
| In that sense, the EDPS welcomes the principle stating that individuals ***shall/ should*** be provided with access to and the means to seek 'rectification and/or expungement of their personal information'. | F'dak is-sens, il-KEPD jilqa' l-prinċipju li jiddikjara li l-individwi ***ser/għandhom*** jingħataw aċċess għal u l-mezzi biex jitolbu "rettifika u/jew tħassir tal-informazzjoni personali tagħhom". |

Huwa ċar daqs il-kristall li f'ebda wieħed minn dal-eżempji t-TD ma tista' taqrah u tifhmu jekk ma jkollokx ukoll taħt għajnejk it-TO.

Nieħdu l-ewwel u t-tieni eżempji, li huma prattikament identiċi: "It-terminu ***'għandu', għandu*** jinbidel..." u "l-kelma ***'għandhom' għandha*** tintuża…". F'dal-frażijiet tintlaħaq waħda mill-ogħla qċaċet ta' ambigwità fit-TD mingħajr ambigwità korrispondenti fit-TO. Bil-kontra tad-TO, li fih il-frażi meħuda waħidha għandha tifsira ċara, fit-TD il-frażi meħuda waħidha tista' tfisser waħda minn erba' kombinazzjonijiet:

1. *the term/word "shall" shall be used*
2. *the term/word "shall" should be used*
3. *the term/word "should" shall be used*
4. *the term/word "should" should be used.*

Li kieku l-Malti kellu jintuża bħala pivot language u allura t-traduzzjoni ssir mill-Malti lejn ilsien ieħor, kif se tagħżel liema hija t-tifsira t-tajba? Aktar importanti minn hekk, f'testi leġiżlattivi kif se tkun magħrufa t-tifsira t-tajba?

(U dan biex ma ngħidu xejn dwar dik il-virgola fl-ewwel eżempju…)

Nieħdu t-tielet eżempju: "l-prinċipju li jiddikjara li l-individwi ***ser/għandhom*** jingħataw aċċess". F'dal-każ, dil-frażi mhix ambigwa... Minflok, lill-qarrej tiżvijjah.

Jekk naħdmu b'lura, mill-Malti għall-Ingliż, insibu li dik is-*ser* ma tiġix tradotta bħala preskrizzjoni, imma bħala deskrizzjoni, u jintilef is-sens kollu tal-frażi tat-TO.

**4. Il-kostatazzjonijiet mill-eżempji kollha li ġibna**

**4.1** L-ewwel reazzjoni hi li tgħid li l-Maltin jittraduċu kif jiftlilhom dak il-ħin mingħajr ma huma konxji minn xi għamla ta' regola.

[25] Kemm il-verżjoni bit-Taljan kemm dik bl-Ingliż tal-Ordinanzi li wasslu għall-Kodiċi Ċivili jimxu mal-mudell tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865, jiġifieri jużaw l-imperfett indikattiv (kif jagħmel ukoll Clément Billiet fit-traduzzjoni tiegħu għall-Franċiż ta' siltiet minn dawn l-Ordinanzi, li deħret fi ktieb mitbugħ Pariġi fl-1896 jismu Les Lois Civiles de Malte), b'differenza mid-Dritt Muniċipali ta' Malta tal-1784 (l-hekk imsejjaħ Code de Rohan), li juża l-futur. Huwa interessanti li l-Kodiċi Ċivili tal-Franċiżi (l-hekk imsejjaħ Code Napoléon) juża l-futur, u t-traduzzjoni tiegħu fl-Ingliż tal-1804 ("literally translated from the original") tuża *shall*. Din it-tendenza, jiġifieri li aktar ma tmur lura fiż-żmien aktar issib l-użu tal-futur, hija kkorroborata minn Mortara Garavelli, *op. cit.*, pp. 113-114:

> Si tratta sempre del futuro deontico detto dai grammatici iussivo (che rientra fra gli usi temporali "non-deittici").
> […]
> Nella legislazione più recente si tende a sostituire il futuro "non-deittico" col presente [...]
> Nei testi legislativi anteriori le occorrenze del futuro iussivo si infittiscono, più si risale indietro nel tempo […]

Għar-rigward tal-użu tal-futur f'testi Maltin kontemporanji, il-Professoressa Mori, *op. cit.*, tgħidilna li "La varietà di maltese comunitario prevede l'uso di forme future dell'ausiliare 'essere' utilizzate con valore deontico, alla terza persona singolare maschile e femminile (jkun/tkun) e jkunu (terza persona plurale) per la formazione del futuro semplice o del futuro anteriore (320 occorrenze complessive)."

**4.2** Jidher li meta l-Malti sar ilsien uffiċjali u sar ix-xogħol għall-bini tal-verżjoni Maltija tal-Kodiċi Ċivili, saret traduzzjoni ta' dak li kien hemm qabel[25] u ntuża l-imperfett indikattiv. Huwa interessanti li filwaqt li l-verżjoni bit-Taljan tal-Ordinanzi tas-seklu 19, li mbagħad ġew konsolidati fil-Kodiċi Ċivili, tuża l-imperfett indikattiv, il-verżjoni bl-Ingliż tal-Kodiċi Ċivili tuża *shall*. Dan għandu jgħaġġibna biss sa ċertu punt, għax kif jirrimarka l-Professur Williams, l-imperfett indikattiv huwa fit-Taljan tista' tgħid dejjem ekwivalenti tax-*shall* Ingliża użata bil-mod li qegħdin ngħidu[26] u għax wara t-Tieni Gwerra jista' jiġi preżunt li l-Maltin saru jafu l-Ingliż aħjar.[27]




**4.3** Meta mbagħad (fis-snin 1990) kienet qed tinbena mill-verżjoni Ingliża (u nafu li l-liġijiet Maltin l-ewwel jinkitbu bl-Ingliż[28]), il-verżjoni Maltija tal-Kodiċi Ċivili mxiet fil-maġġorparti tal-każijiet bil-mudell li *shall* = *għandu*.

**4.4.1** Il-Kostituzzjoni ta' Malta – dokument awtoktonu – juża l-mudell *shall* = *għandu* u imperfett indikattiv EN = imperfett indikattiv MT.

**4.4.2** Fil-Kostituzzjoni tal-Unjoni Ewropea, *shall* daqqa = *għandu*, daqqa = imperfett indikattiv MT.

**4.5** Meta ltaqgħu flimkien, *shall* u *should* wasslu għal nuqqas ta' preċiżjoni u ambigwità li ma kenitx tinstab fit-TO. Dan iwassalna biex nikkostataw li anki meta ma jkunux flimkien, il-fatt li *shall* u *should* – żewġ kunċetti kompletament differenti, b'implikazzjonijiet kjarament differenti – jiġu tradotti bħallikieku

---

[26] Williams, C., *op. cit.*, p. 221: "In prescriptive legal discourse the present indicative form in Romance languages such as Italian or French is sometimes referred to as the 'normative indicative' (Sarcevic), particularly in main clauses where it generally has a clearly prescriptive function. But, […] not all cases where the present simple is used in Italian prescriptive legal texts can be said to have prescriptive force. This is especially the case in subordinate clauses."

[27] Ara l-ktieb tal-Professur Joseph M. Brincat (2011), *passim*, għal analiżi.

[28] Ugo Mifsud Bonnici ġibed l-attenzjoni ta' kulħadd għal dal-fatt meta qal li hu bħala Ministru kien jikteb il-liġijiet bil-Malti, b'differenza minn kull ħaddieħor. Ara Mifsud Bonnici, U. (2008), *passim*.

[29] Dan jirrifletti x'jiġri fil-ħajja ta' kuljum: lill-pulizija ngħidulhom 'Sir' u lill-gwardjani lokali 'warden'; is-suldati jingħataw l-ordnijiet bl-Ingliż; it-taxxi jissejħu bl-Ingliż (income tax, VAT, CET, capital gains tax); l-organu tal-ippjanar urban jissejjaħ bl-akronimu Ingliż tiegħu MEPA; l-amministrazzjoni pubblika taħdem bl-Ingliż, minkejja tentattivi li taħdem bil-Malti. Kull fejn hemm figura ta' awtorità delegata, jintuża l-ilsien tal-barrani. Mhux lakemm tiżradikaha dil-mentalità.

[30] Difatti, FR: "L'hymne de l'Union est tiré de l'«Ode à la joie» de la Neuvième symphonie de Ludwig van Beethoven" u IT: "L'inno dell'Unione è tratto dall'«Inno alla gioia» della Nona sinfonia di Ludwig van Beethoven". L-E.T. Mifsud Bonnici kkonferma verbalment mal-awtur li hu dejjem saħaq mal-Unità tat-Traduzzjoni u tal-Abbozzar tal-Liġijiet f'Malta li jintuża t-test Franċiż bħala test oriġinarju.

metalingwistikament huma identiċi, meta ma humiex, dan iwassal għal ambigwità fil-Malti li fl-Ingliż ma kenitx hemm. Din l-ambigwità mbagħad tagħti lok għall-impreċiżjoni u għall-possibilità ta' diffikultà ta' interpretazzjoni.

**5. Analiżi u konklużjonijiet tentattivi**

**5.1** L-ewwel konklużjoni tentattiva hija waħda ta' natura psikolingwistika: il-Malti għadu mhux meqjus bħala lsien awtorevoli. L-istruttura taħtiena tal-ilsien li minnu qed issir it-traduzzjoni tibqa' tiddi minkejja t-traduzzjoni; u dan anki f'testi suppost awtoktoni.[29]

**5.2** Jekk il-konklużjoni fil-punt 5.1 hija valida, allura minħabba f'dak il-fenomenu psikolingwistiku, it-traduttur jimxi mar-regola li l-istruttura taħtiena tat-TO hija awtomatikament tajba (jekk mhux saħansitra aħjar) anki fit-TD u jittrasponiha intatta (eż. *shall* = *għandu*). Hemm biss ftit eċċezzjonijiet fejn EN = *shall* u MT = imperfett indikattiv, għad li ma jistax ikun eskluż li tali eċċezzjonijiet ikunu dovuti mhux għax f'daqqa waħda fiġġet xi kuxjenza, imma għax it-traduttur ikun qed jittraduċi mill-Franċiż jew mit-Taljan[30], u allura passivament jimxi mal-istruttura sintattika tat-TO tal-imperfett indikattiv u jittrasponiha fit-TD.

Din it-tendenza ma hijiex xi ħaġa ġdida. Ġa fl-1947, Ġużè Galea rrimarka kif id-diffikultà tat-traduzzjoni tikber meta jkun hemm "too servile an imitation of the foreign pattern."[31] Galea ssokta illi "defective translations have been the cause of serious misunderstandings which might even embroil an individual in futile litigation."[32]

F'dan il-punt huwa utli li wieħed ifakkar fil-kumment ta' Dott. Peter Agius[33]:

> Fit-traduzzjoni kelma b'kelma, jew traduzzjoni litterali, wieħed jaqleb b'mod mekkaniku minn lingwa għall-oħra l-kliem tat-test li għandu quddiemu mingħajr ma jagħti kas ta' kemm verament jagħmel sens it-test kollu kemm hu. [...] It-traduzzjoni litterali tittraskura element ċentrali tat-traduzzjoni, li huwa li din jeħtieġ tittrasferixxi l-kultura ta' lingwa waħda għall-kultura tal-lingwa l-oħra.
> [...]
> ... it-traduzzjoni litterali mingħajr attenzjoni ta' kunċett fil-lingwa oriġinali tista' twassal għal traduzzjoni li, għalkemm forsi tinftiehem, tista' tkun qarrieqa jew impreċiża.
> [...]
> ... dan jista' jindika li l-approċċ litterali għat-traduzzjoni jkun ta' min jevitah b'mod ġenerali.

**5.3** Hija meħtieġa regola konxja li timponi traduzzjoni uniformi u kostanti ta' *shall* bil-Malti, jew għandha tibqa' r-regola inkonxja ta' bħalissa li l-istruttura taħtiena tat-TO hija tajba anki bil-Malti?

**5.4** Ir-regola konxja teżisti, u ilha. Naslu għaliha u nikkonfermaw li tassew teżisti bl-użu tal-analoġija. Tinsab, b'mod analoġiku, fil-formulazzjoni tal-Għaxar Kmandamenti: uħud minnhom jinqdew bil-formula *La* VERB*x* u mhux *M'għandekx* VERB. Fi kliem ieħor, fil-Kmandamenti għandna l-imperattiv (sitta minnhom fin-negattiv). Fl-Ingliż, il-Kmandamenti jużaw il-kostruzzjoni *Thou shalt not* VERB. Jiġifieri, ix-*shall* tal-Ingliż fil-Malti tal-Kmandamenti għandha ekwivalenti = imperfett. Jekk nimxu b'analoġija mar-regola ċara li l-Kmandamenti jindikawlna, jiġifieri li b'analoġija mal-imperfett imperattiv nużaw l-imperfett indikattiv bħala ekwivalenti ta' *shall* bl-Ingliż, inkunu nistgħu nerġgħu ndaħħlu l-għażla bejn *shall* u *should* fil-Malti, billi *għandu* tintuża biss bħala l-ekwivalenti ta' *should* u l-imperfett indikattiv bħala l-ekwivalenti ta' *shall*.

*L-awtur irodd ħajr lil kulmin ra d-diversi abbozzi ta' dan is-saġġ għall-kummenti u l-pariri siewja. B'danakollu, kull għelt jibqa' biss tiegħu.*

[31] Galea, J. (1947): p. 208.
[32] *Ibid.*
[33] Agius, P. (2010): pp. 59-60.

**BIBLJOGRAFIJA:**
AGIUS, P. (2010): *It-Traduzzjoni tal-Liġi Ewropea*. L-Imsida: Malta University Publishing.
AQUILINA, J. (1990): *Maltese-English Dictionary*. Il-Belt Valletta: Midsea Books.

AQUILINA, J. (2000): *English-Maltese Dictionary*. Il-Belt Valletta: Midsea Books.
BILLIET, C. (1896): *Les Lois Civiles de Malte*. Pariġi: A. Pedone Éditeur.
BRINCAT, J.M. (2011): *Maltese and other Languages a Linguistic History of Malta*. Santa Venera: Midsea Books.
CODE CIVIL DES FRANÇAIS, Pariġi, u t-traduzzjoni Ingliża tiegħu tal-1804, Londra.
DEL DRITTO MUNICIPALE DI MALTA (1784), il-Belt Valletta.
GALEA, J. (1947): "In Search of a Style" in *Law Journal*, Vol. II, Valletta: University Students' Law Society.
KODIĊI ĊIVILI, KAP. 16 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA. Il-Belt Valletta.
KING, A.S. (2007): *The British Constitution*. Oxford: Oxford University Press.
MIFSUD BONNICI, U. (2008): *An Introduction to Cultural Heritage Law*, Santa Venera: Midsea Books.
MORI, L. (2009): *Euroletto e maltese. Un'analisi linguistico-contrastiva del maltese nella traduzione della normativa comunitaria.* Atti tat-XLIII Kungress Annwali tas-*Società di Linguistica Italiana*, Università ta' Verona, l-Italja, 24-26 Settembru 2009.
MORTARA GARAVELLI, B. (2001): *Le parole e la giustizia*. Turin: Einaudi.
ORDINANZI TAL-1868 U L-1873 LI KKOSTITWIXXEW IL-LIĠI ĊIVILI TA' MALTA SAL-KONSOLIDAZZJONI TAL-KODIĊI ĊIVILI, il-Belt Valletta.
SERRACINO INGLOTT, E. (2007): *Il-Miklem Malti, It-Tielet Volum*. Il-Belt Valletta: Klabb Kotba Maltin.
TEICH, E. (2003): *Cross-linguistic variation in system and text: a methodology for the investigation of translations and comparable texts*. Berlin:Walter de Gruyter.
WILLIAMS, C. (2004): "Pragmatic and Cross-cultural Considerations in Translating Verbal Constructions in Prescriptive Legal Texts in English and Italian" f' *Textus* XVII (2004). Ġenwa: Tilgher.

*Dr Sammut huwa traduttur mal-Parlament Ewropew.*

~ • ~

## Bil-Kelma t-Tajba

Manwel Mifsud

**Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

**MISTOQSIJA:** F'kitbiet legali ġieli tara kliem bħal **disposizzjoni** u **leġislattiv**. Imma jien nisimgħu biż-**ż**. Kif suppost niktbu, bis-**s** jew biż-**ż**?
**TWEĠIBA:** Il-kitba t-tajba hija **dispożizzjoni** u **leġiżlattiv**.

**SPJEGA:**
Il-kliem li jkollu **s** fl-ilsien barrani, meta jidħol fil-Malti, daqqiet jieħu l-ħoss ta' **s** u daqqiet ta' **ż**. Skont ir-regoli uffiċjali tal-kitba tal-Malti tal-1984 (Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II, p. 134-5, para. 6), dan il-ħoss għandu jinkiteb fonetikament, jiġifieri jinkiteb **s** jew **ż** skont il-ħoss li jkun qed jieħu fil-kelma partikolari (eż. **diżarm**, **deċiżi**, **żvilupp**, l-**Iżvezja**, **komuniżmu**, **ħafna każi** imma **fantasija**, **spjega**, **komunist**, **ta kasi**).

Bl-istess mod, għandna niktbu **pożi**, **pożizzjoni**, **oppożizzjoni** u **dispożizzjoni**, u **leġiżlattiv**, **illeġiżla** u **leġiżlazzjoni**, avolja fit-Taljan jinkitbu bl-**s**, għax it-Taljan Taljan u l-Malti Malti. Kull kitba differenti minn din fil-Malti hija żbaljata.

Fl-imgħoddi, il-kitba tal-liġijiet u l-kuntratti aktarx kienet issir minn persuni midħla iktar tat-Taljan milli tal-Malti, u għalhekk ma nistagħġbux li kienu — u kultant għadhom — isiru dawn l-iżbalji, imqar f'testi tal-liġi. M'għandniex xi ngħidu, dil-kitba tibqa' titqies żbaljata f'kull qasam tal-Malti, għax il-kitba tal-Malti hija waħda u uffiċjali. Għalhekk min għadu jikteb hekk għandu jikkoreġi ruħu u jibda jobdi l-liġijiet tal-kitba tal-Malti.

*Ħajr lill-Prof. Mifsud, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li jaghtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet.*

~ • ~

## Proposti għal standardizzazzjoni dwar il-kitba tan-numri li għandhom il-punt

David Agius Muscat

Fl-1924 l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti, ħarġet ir-regoli tal-kitba bil-Malti u fost l-oħrajn inkludiet tagħrif fuq in-numri Maltin. Minn dak iż-żmien 'l hawn ilsienna kiber ħafna u daħal jimraħ f'toroq lingwistiċi li missirijietna, li kienu qed

jiktbu r-regoli tal-kitba, qatt ma kienu basruhom. Hawnhekk se nressaq xi suġġerimenti qosra bit-tama li jtuna daqqa t'id meta niġu biex inpoġġu numri f'sentenzi bil-Malti u li dwarhom sa issa m'hemmx regoli uffiċjali.

**A. In-numri sħaħ**

i. Kif nafu, kelma li tiġi wara n-numru 11 għandha tieħu s-singular.[1]

| | | |
|---|---|---|
| ħdax-il siġġu aħdar | *mhux* | ħdax-il siġġu ħodor |
| wieħed u disgħin paġna rqiqa | *mhux* | wieħed u disgħin paġni rqaq |
| miljun u mitt elf dollaru Amerikan | *mhux* | miljun u mitt elf dollari Amerikani |

ii. Iżda jekk numru li jaqbeż il-mija jkun jispiċċa b'minn 02 sa 10 (eż. 1<u>02</u>; 2<u>08</u>; 10<u>05</u>; 12,9<u>10</u>) il-kelma li tiġi wara tieħu l-plural.

| | | |
|---|---|---|
| mija u żewġ siġġijiet ħodor | *mhux* | mija u żewġ siġġu aħdar |
| mitejn u tmien paġni rqaq | *mhux* | mitejn u tmien paġna rqiqa |
| elf u ħames dollari Amerikani | *mhux* | elf u ħames dollaru Amerikan |
| tnax-il elf, disa' mija u għaxar ħaddiema biżlin | *mhux* | tnax-il elf, disa' mija u għaxar ħaddiem biżlin |

**B. In-numri bil-punt (id-deċimali)**

i. Il-kliem li jiġi wara numru bil-punt deċimali nqisuh bħala numri individwali.

| | |
|---|---|
| 74.1 | erbgħa u sebgħin punt wieħed |
| 74.2 | erbgħa u sebgħin punt tnejn |
| 74.12 | erbgħa u sebgħin punt wieħed, tnejn |
| 74.45 | erbgħa u sebgħin punt erbgħa, ħamsa |
| 74.45609 | erbgħa u sebgħin punt erbgħa, ħamsa, sitta, żero, disgħa |

ii. Fil-każ tad-deċimali, meta numru jkun segwit minn nom, dan dejjem jieħu l-plural.

| | |
|---|---|
| 74.1 times bigger | erbgħa u sebgħin punt wieħed drabi aktar |
| 74.2 times bigger | erbgħa u sebgħin punt tnejn drabi aktar |
| 74.6 times bigger | erbgħa u sebgħin punt sitta drabi aktar |
| 74.75 times bigger | erbgħa u sebgħin punt sebgħa, ħamsa drabi aktar |
| 74.891 times bigger | erbgħa u sebgħin punt tmienja, disgħa, wieħed drabi aktar |

[1] Ara r-regoli fuq in-numri fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* II, Akkademja tal-Malti, 2004, Malta, 87-90.

**Ċ. It-temperaturi**

Dan l-aħħar tqajjem il-punt dwar kif l-aħjar niktbu t-temperaturi meta jkollhom il-punt. Minkejja li jeżistu diversi possibbiltajiet qiegħed, f'ġieħ il-konsistenza, inġib biss il-mudell li jaqbel mal-prinċipju t'hawn fuq.

| | |
|---|---|
| 2.1 gradi Celsius | tnejn punt wieħed gradi Celsius |
| 2.3 gradi Celsius | tnejn punt tlieta gradi Celsius |
| 2.13 gradi Celsius | tnejn punt wieħed, tlieta gradi Celsius |
| 24.35 gradi Celsius | erbgħa u għoxrin punt tlieta, ħamsa gradi Celsius |
| 9.652 gradi Celsius | disgħa punt sitta, ħamsa, tnejn gradi Celsius |
| -2 gradi Celsius | żewġ gradi Celsius taħt iż-żero |
| -14-il grad Celsius | erbatax-il grad Celsius taħt iż-żero |
| -30.1285 gradi Celsius | tletin punt wieħed, tnejn, tmienja, ħamsa gradi Celsius taħt iż-żero |

**D. L-ewro**

Kif nafu, fil-każ tal-flus, iċ-ċenteżmi (li ma jistgħux jaqbżu d-99) jinkitbu dejjem bħala ħaġa sħiħa (jiġifieri *żewġ ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu* u mhux skont B(ii) *żewġ ewro punt ħamsa, sitta ċenteżmi*).

U ladarba qed insemmi l-ewro, forsi ta' min infakkar li skont ir-regolament tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, il-kelma *ewro* tinkiteb kif tinħass u għandha tibqa' *ewro* anki fil-plural.[2] Madankollu, għat-testi legali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea tisħaq li l-pajjiżi kollha tal-Unjoni (ħlief il-Greċja u l-Bulgarija) għandhom jużaw *euro*, għalkemm f'dokumenti oħrajn mhux tal-Unjoni bħal, ngħidu aħna, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, huma aċċettati forom oħra ta' ortografija tal-kelma *euro* skont ir-regoli grammatikali ta' kull lingwa.[3]




Għalhekk, meta tiġi biex tikteb *ewro* f'ċekk bil-Malti, tista' sserraħ moħħ min għandu jitħallas li dan huwa miktub tajjeb u skont ir-regoli nazzjonali.

*Ħajr lil Ludvic Azzopardi Ferrando, Joseph Caruana, Owen Degabriele, il-Prof. Ray Fabri, Karl A. Fenech, John Mallia u Christopher Meilak.*

*Is-Sur Agius Muscat huwa ex-traduttur mal-Parlament Ewropew.*

[2] Ara http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/rapportdwarlismijiettalmunitaewropea.pdf
[3] Ara aktar tagħrif f'http://ec.europa.eu/economy_finance/euro/cash/symbol/index_en.htm

## KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**Crime correctionnalisé, misdemeanour... jew xiex?**

Alan Xuereb

Xi kultant insibu ruħna quddiem diffikultajiet ta' diċitura kagun tan-nuqqas ta' korrispondenza bejn il-kunċetti legali f'ġuriżdizzjonijiet nazzjonali differenti. Jekk ma jiġux riżolti, dawn jistgħu joħolqulna problemi ta' korettezza legali fit-traduzzjoni.

Biex nagħti eżempju prattiku: it-traduzzjoni li ġejja, mill-Franċiż għall-Malti, hi legalment korretta?[1]

*(FR)* "(infraction punissable d'une amende de 26 euros au moins et/ou d'un emprisonnement de huit jours à 5 ans). Le tribunal correctionnel peut infliger un emprisonnement de maximum 20 ans pour un *crime correctionnalisé."*

*(EN)* "(infringement is punishable by a fine of at least €26 and/or imprisonment of between eight days and 5 years). The criminal court can impose a prison sentence of a maximum of 20 years in the case of a crime reduced to a *misdemeanour by statute.*"

*(MT)* "(il-ksur hu kkastigat b'multa ta' tal-anqas EUR 26 u/jew b'piena l-ħabs ta' bejn 8 ijiem u 5 snin). Il-qorti kriminali tista' timponi sentenza ta' ħabs għal massimu ta' 20 sena f'każ ta' *reat*."

Din is-silta għandha x'taqsam mad-dritt Belġjan. Naturalment, f'dan it-tip ta' analiżi ma jistax ikollna ċertezza matematika, anki peress li l-avukat Malti mhux neċessarjament ikollu għarfien (profond) tad-dritt Belġjan. Madankollu, nassumi (mhux bl-addoċċ) li ksur tal-liġi li jġorr piena massima ta' 5 snin priġunerija jista' jiġi kklassifikat bħala *delitt* u mhux sempliċement bħala *reat (li jista' jimplika li hu xi ħaġa inqas gravi minn delitt).* Dan fis-sens li t-terminu *reat* jindika klassi ġenerali ta' ksur tad-dritt kriminali li tinkludi kemm *id-delitti* kif ukoll *il-kontravenzjonijiet*, u li allura jista' jagħti l-impressjoni żbaljata li din is-silta qed tirreferi għal reat kontravenzjonali.

Din it-teżi tkompli tissaħħaħ anki peress li kull fejn hemm it-terminu *crime* (l-istess bħal fl-Ingliż) normalment il-verżjoni Maltija tuża *delitt*. Kuntrarju għal dak li jaħsbu ħafna, *delitt* ma huwiex biss omiċidju[2]. Id-*delitt* (crime) jifforma klassi ta' *reati* (offences) serji. Jeżistu diskrepanzi bejn is-sistemi penali ta' pajjiżi differenti — ħafna drabi sottili, xi drabi oħra inqas sottili — u huwa diffiċli ferm biex wieħed ikun preċiż fit-traduzzjoni tagħhom. Jidher, però, li f'dan il-każ, minħabba xi attenwanti, id-delitt qed tonqoslu l-gravità u s-serjetà tiegħu.

Tant hu hekk li fil-verżjoni Ingliża tal-eżempju tagħna, li ngħata hawn fuq, qed jissemma l-*misdemeanour*[3] (terminu ieħor aljen għas-sistema Maltija). Iżda dak li l-Ingliżi ttraduċew bħala *misdemeanour* jidher li huwa reat aktar gravi għax ma hemmx biss multa biex tissanzjonah, iżda wkoll il-possibbiltà ta' piena ta' priġunerija relattivament twila. U huwa hawnhekk li tinsab il-problema.

Huwa inkonċepibbli f'Malta li xi qorti tagħti piena ta' 20 sena priġunerija għal reat li ma huwiex delitt. Fin-nuqqas ta' dizzjunarji legali speċjalizzati li jagħtu definizzjoni eżatta tat-terminu fil-kuntest disponibbli għat-traduttur

[1] Qed nuri wkoll il-verżjoni Ingliża li tista' titfa' dawl fuq il-kunċett legali.

[2] Artikolu 3. "(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili".

[3] *crime correctionnalisé.*

medju (bħal, ngħidu aħna, id-Dahl[4]), il-Wikipedia ġustament tipproponi definizzjoni ta' *misdemeanour* li hija plawżibbli wkoll[5]. Din id-definizzjoni mhix biex tintuża f'dokumenti legali, iżda tista' tgħin biex wieħed jifhem il-kunċett ta' *misdemeanour*[6]. Jidher, għalhekk, illi anki jekk ma teżisti l-ebda soluzzjoni komda għal din id-diffikultà, u allura kemm il-kelma *reat* kif ukoll il-kelma *delitt* ma jaqduniex sew biex jesprimu *crime correctionnalisé* jew *misdemeanour,* it-terminu *reat* inqas jagħti lok għal miżinterpretazzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu, is-suġġeriment tiegħi ikun dan li ġej:
*(FR)* "(infraction punissable d'une amende de 26 euros au moins et/ou d'un emprisonnement de huit jours à 5 ans). Le tribunal correctionnel peut infliger un emprisonnement de maximum 20 ans pour un crime correctionnalisé."

*(MT)* "(ir-reat huwa punibbli b'multa ta' mhux inqas minn 26 Euro u/jew b'piena ta' priġunerija ta' bejn 8 ijiem u 5 snin). Il-qorti kriminali tista' tagħti sentenza ta' priġunerija ta' massimu ta' 20 sena għal reat bħal dan (crime correctionnalisé)."

Naturalment, dan is-suġġeriment ma jsolvix il-problema b'mod definittiv, iżda għallinqas jibda jaffaċċjaha b'mod prattiku. Il-problema trid tissolva fuq medda ta' żmien u wara studju komparattiv iktar fil-fond.

*Dr Xuereb huwa ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.*

[4] Dahl's Law Dictionary/Dictionnaire Juridique Dahl (French Edition).
[5] A *misdemeanor*, or a *misdemeanour*, in many common law legal systems is a "lesser" criminal act. Misdemeanors are generally punished much less severely than felonies, but theoretically more so than administrative infractions (also known as regulatory offences). Many misdemeanors are punished with monetary fines. Contraventions are similar to misdemeanors in many civil law countries (e.g. France, Italy, Spain, Belgium, Switzerland, etc.)
[6] *Misdemeanour* huwa reat li huwa inqas gravi minn delitt iżda iktar gravi minn kontravenzjoni.

**Kliem l-art: dawra mal-matorral**
Antoine Cassar

Fost id-dokumenti li jiġu tradotti fi ħdan id-DĠT insibu s-sommarji tal-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' prodott agrikolu (jew 'oġġett tal-ikel') bħala *denominazzjoni protetta tal-oriġini* (DPO) jew *identifikazzjoni ġeografika protetta* (IĠP), 'tikketti' li jħarsu l-użu ta' isem il-prodott mill-abbuż fis-suq Ewropew, permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 510/2006[1]. Fost ruxxmata testi leġiżlattivi ripetittivi, formulajċi u astratti, dokumenti ta' dan it-tip ikunu mill-iktar interessanti, b'arja friska u (sa ċertu punt) kuntatt mill-ġdid mal-erba' elementi, għaliex jinkludu 'speċifikazzjoni' li tispjega, fost l-oħrajn, x'inhi l-materja prima tal-prodott agrikolu, kif jinkiseb u jiġi trattat, u x'inhi l-istorja u t-tradizzjoni tiegħu (speċifikament, ir-rabta essenzjali u esklużiva bejn il-prodott u ż-żona ġeografika ddefinita li fiha jsir). Ngħidu aħna, permezz tal-protezzjoni mogħtija mill-istatus bħala DPO, l-isem *Queso Manchego* jista' jidher biss fuq ġobon li jiġi prodott f'lista ta' muniċipalitajiet speċifikati fir-reġjun ta' La Mancha fi Spanja, bil-ħalib li jinkiseb biss minn ċerta razza ta' nagħaġ, u skont il-proċeduri partikulari deskritti; b'hekk, pereżempju, produttur Belġjan, Ingliż jew Malti li jipprova jimita dan it-tip ta' ġobon ma jkollux id-dritt jikkummerċjalizza l-prodott tiegħu bl-isem irreġistrat bħala DPO.

Id-dokumenti DPO/IĠP huma wkoll fost l-iktar testi ta' sfida għat-traduttur, mhux biss minħabba d-dettalji tekniċi ta' kif isir il-prodott u l-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tiegħu[2], iżda

[1] U r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1898/2006, li jagħti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament imsemmi 510/2006.
[2] Tali dettalji mhux dejjem ikunu spjegati b'mod ċar; intopp ieħor fit-traduzzjoni tad-dokumenti DPO/IĠP huwa li, xi minn daqqiet, l-applikant ma jkollux ħakma tajba tal-kitba ta' lsienu stess, u t-traduttur ikollu jġebbed il-vixxri ta' moħħu biex jifhem u jfiehem sintassi kultant surreali u bombastika. Wieħed qatt ma għandu jassumi li t-test oriġinal huwa perfett, u fejn ikun hemm lok għat-titjib u l-iċċarar, lanqas ma għandu jassumi li t-traduzzjoni għandha tirriflettih perfettament.

wkoll għax ta' sikwit niltaqgħu ma' kunċetti u realtajiet li huma partikulari għaż-żona ġeografika ddefinita, u li għaldaqstant jafu joħolqu taħbil il-moħħ għal min jiġi biex jaqleb id-dokument f'ilsna ta' pajjiżi oħra bi klima, fawna u flora, u forsi fuq kollox, topografija differenti. Fil-każ ta' Malta, ħuta ċkejkna tal-ġir u tal-globiġerina titbaskat f'nofs ta' baħar, il-firxa tat-tipi differenti ta' art hija bilfors relattivament limitata; mingħajr ma naslu ngħidu li t-terminoloġija topografika bil-Malti hija ristretta, mhuwiex ta' stagħġib li nsibu diffikultà biex nagħżlu kelma li tirreferi għal tip ta' art partikulari - għalina eżotiku - fuq il-kontinent Ewropew.

Każijiet bħal dan jinqalgħu speċjalment fit-taqsima 3.4 tal-ispeċifikazzjoni, li tispjega, għall-prodotti li ġejjin mill-annimali, x'jieklu l-bhejjem (l-għalf). Biex inkomplu bl-eżempju tal-*Queso Manchego*[3], fl-applikazzjoni għall-protezzjoni jiġi speċifikat fejn għandhom jirgħu n-nagħaġ (u, għaldaqstant, x'tip ta' ħaxix għandhom jieklu).

Hawnhekk niltaqgħu ta' spiss ma' termini lokalizzati, imfissrin fit-test tal-applikazzjoni stess:

(a) *"Los* ***madajales*** *forman los más interesantes pastos para el ovino; en ellos está la* Poa bulbosa *acompañada de su importante núcleo de leguminosas, tal como:* Mendicago rigidula, Medicago lupulina, Mendicago trunculata, Trigonella polyderata, Coronilla scorpoides*, etc."*

(b) *"En suelos profundos y frescos pueden darse '****fenelares****' que son densos pastizales con predominio de plantas vivaces y bianuales, cuya fisonomía viene dada por la gramínea* Brachypodium phoenicoides*."*

F'dawn il-każijiet, jixraq li t-terminu lokalizzat jibqa' fl-ilsien tal-oriġinal (jew bi trażlitterazzjoni, fil-każ tal-Bulgaru jew tal-Grieg), u ovvjament tiġi tradotta l-ispjega tiegħu:

(a) *"L-hekk imsejħa '****madajales****' huma l-aktar mergħat ta' siwi għan-nagħaġ; fihom jinsabu l-*Poa bulbosa *(basla) u kwantitajiet kbar ta' legumi, fosthom: [...] "*

(b) *"F'artijiet b'ħamrija profonda u friska jistgħu jidhru l-'****fenelares****', li huma mergħat sfieq bi prevalenza ta' pjanti perenni u biannwali, fosthom partikularment il-ħaxixa* Brachypodium phoenicoides*."*

Drabi oħra, però, it-test tal-ispeċifikazzjoni jaf iħaddem terminu topografiku inqas lokali, iżda xorta iktar partikulari milli ġenerali, mingħajr ma jagħti t-tifsira preċiża tiegħu. Pereżempju:

(c) *"Desde el punto de vista ganadero cabe destacar los pastizales que ocupan los claros de los* ***matorrales****."*

*"Fejn tidħol it-trobbija tan-nagħaġ, ta' min jissemmew it-tipi ta' mergħat li jinsabu fil-fetħiet tal-.........."*

U hawnhekk jibda t-taqlib tad-'*dizzji*', il-vjaġġ imserrep u frustranti mhux ftit fil-masġar tal-glossarji, l-imkielem u d-dizzjunarji. L-ewwel punt ta' referenza għalina, il-bażi tad-dejta tal-IATE, s'issa ma joffrix terminu ekwivalenti bil-Malti għall-*matorral*, iżda jagħti sa tmien alternattivi bl-Ingliż:

1. IATE[4] *bush, jungle, brush, brushwood, scrub, chaparral, thicket, brake*

Jidher ċar li l-kelma *matorral* tista' tirreferi għal realtajiet topografiċi pjuttost varjati, skont f'liema latitudni ninsabu. Fil-kuntest tar-reġjun ta' La Mancha, qegħdin nitkellmu dwar il-pajsaġġ li fih Cervantes stħajjel lil Dun Kixott u Sancho Panza jħufu minn avventura għall-

[3] Nru tal-KE ES-PDO-0217-0087-06.12.2010. L-ispeċifikazzjoni bl-Ispanjol hija disponibbli bl-indirizz http://docm.jccm.es/portaldocm/descargarArchivo.do?ruta=2010/10/20/pdf/2010_17415.pdf&tipo=rutaDocm (ara l-paġna 9 għall-eżempji mislutin għal dan l-artiklu).

[4] InterActive Terminology for Europe, http://iate.europa.eu.



*Ritratt tal-matorral ta' La Mancha, bin-nagħaġ li jagħti l-ħalib għall-Queso Manchego (sors: lacerca.com)*

oħra, bl-imsejken żiemel Rocinante aktarx jirgħa l-istess xtieli bħan-nagħaġ li jagħtuna l-ħalib għall-*Queso Manchego*[5]. Biex nifhmu sew dan il-kunċett topografiku Spanjol, tajjeb li nikkonsultaw id-dizzji monolingwi, u nqabblu t-tifsiriet differenti proposti minnhom:

2a. DRAE[6] *1. Campo inculto lleno de **matas** y malezas; 2. Conjunto de **matas** intrincadas y espesas*

2b. Clave[7] *Conjunto espeso de **matas***

B'hekk nifhmu li *matorral* jista' jkun kemm art miżgħuda bil-*matas* (il-post) kif ukoll ġabra sfiqa ta' *matas* (il-flora). L-għalqa semantika ta' *mata*, iżda, tidher ħafna iktar wiesgħa mill-*matorral* stess:

2c. DRAE *1. Planta que vive varios años y tiene tallo bajo, ramificado y leñoso; 2. Planta de poca alzada o tamaño.* 'Mata de tomate. Mata de claveles'*; 3. Ramita o pie de una hierba, como de la hierbabuena o la albahaca; 4. Porción de terreno poblado de árboles de una misma especie.* 'Tiene una mata de olivos excelente'

2d. Clave *1. Planta de tallo bajo, ramificado y leñoso, que vive varios años:* 'El tomillo es una mata'*; 2. Planta de poca altura:* 'En mi jardín tengo plantadas varias matas de pimientos y tomates'

L-eżempji tal-pjanti li jistgħu jidħlu fil-kategorija ta' *mata* huma ħafna, u jvarjaw mill-baxx (*tomillo* = sagħtar) għall-kbar u x'aktarx ta' ħajja twila (*olivo* = żebbuġ). L-eżempju tas-sagħtar jaf ifakkarna fix-xagħri ta' Malta, bħalma nsibu pereżempju fl-inħawi tal-Imnajdra jew San Dmitri t'Għawdex, iżda l-*matorral* ta' La Mancha huwa pjuttost differenti mix-xagħri Malti, jekk xejn għaliex iktar wati u inqas imħarbat, b'ħamrija ħafna inqas mielħa. Qabel ma nfittxu ekwivalenti tat-terminu Spanjol f'ilsna oħra, jeħtieġ li nindagaw aktar, billi ngħarrxu għal spjega iktar xjentifika. Għajn siewja, iżda mhux dejjem ta' min wieħed jafdaha bil-għama, hija l-Wikipedija:

3a. Wiki-es[8] *El **matorral** o **matojal** es una comunidad de plantas caracterizada por una vegetación **dominada por arbustos**, que a menudo incluyen **céspedes, plantas de porte herbáceo, y plantas geófitas***

Hawnhekk nistgħu niskartaw iż-żebbuġ, billi l-*matorral* ikun mgħammar ġeneralment minn arbuxxelli (*arbustos*), ħxejjex (*céspedes, plantas herbáceas*) u basliet, tuberi u riżomi (ġeofiti, skont is-sistema ta' Raunkiær[9]). Hekk tikkonferma l-entrata korrispondenti tal-Wikipedija Ingliża, li naċċedu awtomatikament għaliha billi nikklikkjaw fuq 'Languages > English' fil-menù tax-xellug:

3b. Wiki-en[10] ***Shrubland**, **scrubland**, **scrub** or*

[5] Traduzzjoni Maltija rakkomandabbli, iddaħħaq daqs il-Kastiljan oriġinal, tal-erba' kotba ta' Dun Kixott saret minn Pawlu Montebello (1993-2005, SKS).
[6] Diccionario de la Real Academia Española, http://drae.rae.es.
[7] Diccionario Clave, http://clave.librosvivos.net.
[8] http://es.wikipedia.org/wiki/Matorral.
[9] http://en.wikipedia.org/wiki/Raunki%C3%A6r_plant_life-form.
[10] http://en.wikipedia.org/wiki/Shrubland.

***brush** is a plant community characterized by vegetation dominated by **shrubs**, often also including **grasses, herbs, and geophytes***

Fil-fatt, jidher li l-entrata Spanjola hija traduzzjoni parzjali ta' dik Ingliża, avolja fejn l-Ispanjol jagħti żewġ alternattivi, l-Ingliż joffri erbgħa. Kif jiġi spjegat iktar 'l isfel fl-artiklu Ingliż tal-Wikipedija, *scrub(land)* u *shrubland* mhumiex sinonimi eżatti; tal-ewwel tintuża għal artijiet b'kisja ta' veġetazzjoni medja jew sfiqa (30%-100%), u tat-tieni għal artijiet fejn il-flora hija skarsa (<10%-30%).

Fil-każ tal-art watja u niexfa ta' La Mancha, għalkemm l-applikazzjoni tal-*Queso Manchego* ma tispeċifikax il-perċentwal ta' kisja veġetali tal-mergħat, x'aktarx li l-*matorral* joqrob iktar lejn ix-*shrubland*. L-artiklu bl-Ispanjol, sadattant, ma jinkludix din il-klassifikazzjoni.




*It-tikketta tal-Queso Manchego DPO*

Tiftix sieber fit-tomi ta' Aquilina EN-MT ikompli jikkonferma s-sinonimija limitata bejn *scrub* u *shrub*, għalkemm il-gradazzjoni fid-daqs jew fid-densità tal-ħdura toħroġ inqas ċara, u f'kull każ, ma joffri l-ebda terminu Malti li jista' jkun ekwivalenti ma xi wieħed minnhom (u lanqas ma' *brush*):

4. Aquilina ***scrub**: art nieqsa mix-xita fejn imħabba f'hekk is-siġar ma jiżviluppawx tajjeb u jibqgħu baxxi*

***shrub**: arbuxxell, sġajra;* (ma jagħtix ***shrubland***); ***shrubbery**: medda art/ħamrija mħawwla arbuxxelli*

***brush**: art miksija b'siġar żgħar*

S'issa, letteralment, ma qbadniex art; kelma Maltija għad m'għandniex, iżda l-iktar terminu bl-Ingliż li donnu joqrob lejn il-*matorral* huwa x-*shrub*. Jekk nirrikorru għat-tagħrif awtorevoli mogħti minn Ġużi Gatt fl-ewwel kapitlu ("*L-Art u l-Baħar*") tal-ktieb *Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni*, insibu l-'miklem' 'ta' *Topografija u veġetazzjoni* fil-p. 17:

| | | |
|---|---|---|
| 5a. Ġ. Gatt[11] | *Karst* | *Aħrax* |
| | *Macchia/Maquis* | *Ġmiem* |
| | *Garigue* | *Xagħri/ Xagħra* |
| | *Scrub* | *Moxa* [...] |

Iltqajna sa fl-aħħar mal-ewwel suġġeriment ta' terminu qrib il-*matorral*, il-*moxa*; madankollu, din il-kelma tingħata għal *scrub* u mhux *shrub* (li fil-ktieb ma tidhirx), u d-deskrizzjoni tagħha fil-p. 14 ma jidhrix li taqbel mat-topografija li qegħdin infittxu:

5b. Ġ. Gatt *[...] Dawk l-irqajja' li ma jkunux komdi li jingħalqu f'għelieqi u jispiċċaw bil-ħaxix ħażin u bit-tgħaffiġ tas-saqajn jissejħu MOXA. [...]*

Skont id-distinzjoni li rajna fil-Wikipedija Ingliża (3b.), il-kelma *moxa* donnha taqbel iktar ma' *shrub* milli ma' *scrub*, u aktarx li tista' taqdina għall-*matorral*; madankollu, jekk infittxu *moxa* fid-dizzji (Aquilina MT-EN u Mario Serracino Inglott), inkomplu nintebħu li xorta mhijiex ekwivalent preċiż:

6a. Aquilina ***moxa**: moor, heath, barren land*

6b. MSI ***moxa**: art blatija, post ħawli, [i]nħawi fejn la hu raba' maħdum u lanqas triq imwittija*

[11] Gatt, Ġużi, 2005. *Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni* (Klabb Kotba Maltin).

*Moxa* tibqa' l-iktar (anzi, s'issa l-unika) kelma xierqa biex tfisser it-topografija tal-*matorral*, iżda jekk din tkun ħawlija jew sterili, x'se jirgħu n-nagħaġ? Barra minn hekk, Ġużi Gatt kien semma l-*irqajja'* (5b.), filwaqt li l-*matorrales* tal-pjanura ta' La Mancha jkunu wesgħin, kultant anki daqs il-gżira ta' Malta jekk mhux ikbar. Dorna mal-*matorral* kollu, u fejn konna bqajna.

It-tiftixa tkompli. B'xorti tajba, wara t-tifsira tal-*moxa*, Gatt jagħti deskrizzjoni interessanti għax-*xagħra*:

7. Ġ. Gatt *[...] Jekk ir-roqgħa li ma tinħadimx tkun kbira mhux ħażin u b'ħafna blat mikxuf, tissejjaħ XAGĦRA (u xgħajra jekk tkun iżgħar).*

Fil-'miklem' ta' hawn fuq (5a.), *xagħri* u *xagħra* jingħataw bħala sinonimi, ekwivalenti għall-*garigue*; madankollu, fil-p. 14, Gatt jagħmel distinzjoni: ix-*xagħri* huwa tip ta' *aħrax*, b'ħafna trab, li fih "*jinbtu xi xtieli xierfa jew xi arbuxxelli*", appuntu bħal dawk il-pajsaġġi ta' Malta u Għawdex li semmejna aktar 'il fuq; ix-*xagħra*, mill-banda l-oħra, hija *moxa* kbira, li kif rajna, issir "*b'ħaxix ħażin u tgħaffiġ tas-saqajn*" (5b.). Il-*matorral* ta' La Mancha, reġjun minn dejjem ftit ippopolat u magħruf għall-pajsaġġi mtarrba (għalkemm altru milli ħawlija), minn dan il-lat jixbah aktar lix-*xagħri*.

Bħala verifika tal-aħħar, nistgħu nagħtu ħarsa lejn it-taqsima dwar l-erba' tipi ta' abitat f'Malta fil-monografija taż-żewġ Lanfranco, *Il-Flora Maltija*, pp. 23-25. Għalkemm *moxa* u *xagħra* (bl-*a*) ma jsemmuhomx, wara l-'*Boskijiet u msaġar*', jinteressawna t-tliet tipi l-oħra:

8. Lanfranco[12] *IL-MAKKJA: Din ikollha siġar pjuttost żgħar u għadd ġmielu ta' arbuxxelli kbar jikbru fil-widien u l-ġnub tagħhom [...]*
*IX-XAGĦRI: Dawn ikunu postijiet aktar esposti mill-ġnub tal-widien u għalhekk il-pjanti li jikbru hawn ikunu arbuxxelli aktar ċkejknin [...]*
*L-ISTEPPA: [...] fqir ħafna fin-nutrijenti [...] b'riżultat ta' ħafna bhejjem jirgħu u taqlib mill-bniedem [...]*

Kif jiġi spjegat wara din il-lista, l-erba' tipi ta' abitat "*jiffurmaw serje dinamika, jiġifieri jistgħu jevolvu f'xulxin skon[t] iċ-ċirkostanzi ambjentali*". F'din il-gradazzjoni ta' abitati, il-*matorral* jidħol l-iktar komdu f'tax-*xagħri*, bl-arbuxxelli ċkejknin, aktar espost mill-*makkja*, u inqas milqut minn taqlib il-bniedem milli l-*isteppa* (li, dejjem skont it-tifsiriet ta' Ġużi Gatt, kieku tixbah aktar lill-*moxa* u lix-*xagħra*). Kif rajna fil-bidu, u kif inhu naturali billi qegħdin nitkellmu dwar latitudnijiet u lonġitudnijiet differenti, l-ekwivalenza bejn il-*matorral* ta' La Mancha u x-*xagħri* ta' Malta ma tistax tkun preċiża, u għaldaqstant, għażla ta' inqas sogru tkun li l-kelma *matorral* inżommuha bl-Ispanjol, bil-preċiżazzjoni "*ix-xagħri ta' La Mancha*" bejn il-parenteżi:

*(c) "Desde el punto de vista ganadero cabe destacar los pastizales que ocupan los claros de los* ***matorrales****."*

*"Fejn tidħol it-trobbija tan-nagħaġ, ta' min jissemmew it-tipi ta' mergħat li jinsabu fil-fetħiet tal-****matorrales*** *(ix-xagħri ta' La Mancha)"*.

Wasalna għal soluzzjoni trasparenti, iżda d-dawra tond li dorna ma kinitx tant minħabba l-varjetà ta' topografiji bejn wesgħa ta' art u oħra; anzi, kienet iktar minħabba l-inkonsistenzi li sibna fost is-sorsi ta' tagħrif (mhux biss dawk bil-Malti). Għar-referenza, it-tabella fil-paġni li jmiss tqabbel it-tifsiriet simili u diversi mogħtija għal damma ta' termini topografiċi bil-Malti li sikwit ikunu utli fit-traduzzjoni tad-dokumenti DPO/IĠP.

[12] Lanfranco, Edwin, & Lanfranco, Guido, 2003. *Il-Flora Maltija* (Kullana Kulturali 47, pin), p. 24.

| | Aquilina MT-EN | Serracino Inglott | Ġużi Gatt | jaqblu? |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| sined<br>(pl. isinda/<br>snud/snieda) | *a stretch of barren and hilly land; stretches of fields overlooking a valley* | (xejn) | ir-raba' li jinbena fuq il-wileġ, bil-ħitan tas-sejjieħ f'għamla ta' taraġ *(terraced fields)* | kważi |
| ħabel<br>(pl. ħbula) | *a strip, stretch or enclosure of land* | kejl ta' art bil-ħamrija | għalqa twila u dejqa *(ma jagħtix terminu Ingliż)* | kważi |
| bur<br>(pl. bwar) | *meadow, fields, grazing land* | art mhux maħduma, tajba biss bħala mergħa, art ħawlija | medda art, x'aktarx watja, li għalkemm ma tkunx għalqa, ikollha fiha xi ħamrija, u allura jikber il-ħaxix *(meadow)* | iva |
| mergħa<br>(pl. mergħat/mrieghi) | *pasture land, grazing ground, grass land* | bur, marġ, art fejn jikber il-ħaxix, art fejn jimirħu u jsibu x'jieklu l-bhejjem | (xejn) | iva |
| marġ<br>(pl. mraġ/mruġ) | *meadow, meadow field, grassland for cattle* (marġa: *small meadow, small grassland*) | art mimlija ħaxix ħażin u xewk, raba' mitluq | maqgħad jimtela bit-tajn u n-naqal, sakemm jibqa' l-ilma qasir f'wiċċ l-art *(marsh)* | le |
| wilġa[13]<br>(pl. wileġ) | *a large area of fields over a valley side* | pjanura, art watja ma' ġenb wieħed, raba' madwar wied tajjeb għaż-żara' | il-ġnub tal-widien *(ma jagħtix terminu Ingliż)* | iva |
| aħrax | (jagħti biss it-toponimu *l-Aħrax tal-Mellieħa*) | (xejn bħala nom, biss l-aġġettiv, 'mhux lixx') | wesgħat ta' art, kollha ħofor, xfar, u blat iniggeż *(karst)* | - |
| ġmiem | *uncultivated fields gen. abounding in weeds* | (xejn) | fejn l-arbuxxelli jogħlew mhux ħażin u anke jitilgħu xi siġar slavaġ li jkunu xi ftit folti għalkemm mhux għoljin wisq *(macchia/maquis)* | le |
| xagħra<br>(dim. xgħajra) | *a large open plain* | deżert, wesgħa art ħawlija, art mitluqa/wita bla ħdura, pjanura battala/ abbandunata | moxa li ma tinħadimx, kbira mhux ħażin u b'ħafna blat mikxuf *(garigue)* | le |
| xagħri | *land on rocky flat tops of hills covered with* terra rossa (ħamri) | (xejn bħala nom, biss l-aġġettivi, 'ħawli', 'abbandunat') | aħrax li biż-żmien jimtela bit-trab u b'xi ftit ħamrija, u allura jinbtu xi xtieli xierfa jew xi arbuxxelli *(garigue)* | kważi |

[13] Qabbel mal-Ispanjol *vega*, li bħal *wilġa* x'aktarx titnissel mill-Għarbi '*walaġa*' (Aquilina: 'winding of a valley').

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| moxa | *moor, heath, barren land* | art blatija, post ħawli, inħawi fejn la hu raba' maħdum u lanqas triq imwittija | Irqajja' li ma jkunux komdi li jingħalqu f'għelieqi u jispiċċaw bil-ħaxix ħażin u bit-tgħaffiġ tas-saqajn *(scrub)* | kważi |
| steppa | *steppes* | (xejn) | (xejn) | - |
| bosk, masġar (pl. msaġar, dim. buskett) | *wood, forest; wood, place full of trees* | foresta, post fejn jikbru ħafna siġar/xtieli | *(woodland)* | iva |
| qortin (pl. qraten) | *elevated ground facing the sea ending in an upland plane; rocky area with very thin soil gen. used as grazeland* | (xejn) | art x'aktarx ftit fil-għoli, bil-fuqani tagħha wati, u bil-ġnub għolja, weqfin u jagħtu għal isfel, jew għal fuq il-baħar, jew għal fuq xi wied jew wita *(plateau)* | kważi |
| ġarf (pl. ġruf) | *precipice* | preċipizzju, irdum, żurżieqa dritta għall-baħar | il-ġenb tal-qortin *(scarp)* | kważi |
| ħanaq | *[Gozo] a field situated between two high walls with one end narrower than the other* | (xejn bħala nom) | *bottleneck*, aktarx f'xi wied | le |
| mintba (pl. mnieteb) | *hillock, mound* | għaqba, ħotba, tumbata, għolja żgħira f'qiegħa watja | tip ta' għolja *(knoll, mound)* | iva |
| natba | *a narrow path or footway leading to a hillock* | ħotba, għaqba, tomba | triq jew mogħdija wieqfa li tagħti għal fuq il-mintba | le |
| għarma (pl. għarem/ għorom) | għarma ramel = *dune* | munzell, turrun, borġ, katasta, għaqba, tomba, mintba, għolja, gods trab | ramla kbira, fejn ir-riħ ikun geddes ir-ramel f'munzelli *(sand dune)* | iva |
| għaqba (pl. għeqiebi, dim. għaqajba) | *knoll, mound, rising ground more or less in the shape of a hill but with an altitude much below it* | għolja, tomba, telgħa, ħotba, mintba | (xejn) | iva |
| tumbata | *raised ground forming a kind of knoll/mound* | ħotba, stroff, għolja żgħira fl-art, żrara mqabbża fi triq/passaġġ | (xejn) | iva |
| ramla | *sandy beach* | xtajta bir-ramel | tarf ta' wied ħdejn il-baħar fejn il-ħamla tkun ġarret magħha ħafna trab u ramel *(sandy beach)* | iva |
| ċagħkija | ċagħqija = *a slanting plot of land covered with pebbles over which the bird-catching net is spread* | (xejn) | tarf ta' wied ħdejn il-baħar fejn il-ħamla tkun ġarret magħha ġebel u żrar *(pebbles/shingle)* | le |

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti Oħra*

## Il-Malti minn Brussell

Alessandro Mangion

Il-membri tal-Unità Web MT tal-Kummissjoni Ewropea, li huma responsabbli mill-verżjoni bil-Malti tas-sit elettroniku tal-Kummissjoni (http://ec.europa.eu/index_mt.htm), organizzaw




workshop ta' nofstanhar fl-uffiċċji tagħhom fi Brussell. Matulu ffukaw fuq kemm il-Malti li qed jużaw huwa mexxej u jinftiehem faċilment, kif ukoll fuq kemm qed jimxi *pari passu* mal-Malti ta' Malta.

Il-workshop, li sar fis-7 ta' Settembru 2011, kellu t-tema 'Il-Malti minn Brussell: l-isfida li nibqgħu niktbu bil-Malti tal-Maltin' u kien ikkoordinat mill-awtur. Għalih attendew ukoll xi uffiċjali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

L-ispunti għad-diskussjoni ttieħdu minn żewġ sorsi: mit-tweġibiet ta' kwestjonarju li wieġbuh 38 ruħ, nofshom impjegati Maltin tal-istituzzjonijiet Ewropej u n-nofs l-ieħor nies li mhumiex parti mis-servizzi tal-UE (li minnhom huma mislutin it-tabelli li jakkumpanjaw dan l-artiklu); u permezz ta' għadd ta' kollegamenti bl-awdjo ma' Malta.

Intervent minnhom sar mill-Prof. Charles Briffa, lekċerer fid-Dipartiment tat-










Traduzzjoni u l-Interpretar tal-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta, traduttur, riċerkatur u studjuż tal-Malti. Huwa analizza bir-reqqa l-lingwa użata fis-sit elettroniku u għadda diversi suġġerimenti utli biex il-Malti jkun aktar mexxej u aktar ċar għall-pubbliku Malti

inġenerali. Taw sehemhom ukoll żewġ ġurnalisti veterani f'Malta: il-kap taċ-Ċentru tal-Aħbarijiet tal-Public Broadcasting Services, is-Sur Natalino Fenech, u l-editur politiku tal-Media.link Communications, is-Sur John Zammit. Huma qasmu mal-parteċipanti tal-workshop informazzjoni dwar termini u kliem li jintużaw fis-sit tal-KE iżda li l-midja f'Malta jippreferu jużaw oħrajn minflokhom biex iwasslu tagħrif dwar l-UE lil min jismagħhom jew jaqrahom. Mal-ġurnalisti ġie diskuss ukoll f'liema każi għandu jkun is-sit tal-KE li juża lingwaġġ differenti biex jinftiehem aħjar, u f'liema huwa l-qarrej li għandu jkun mistenni jkun jaf jew jitgħallem xi jfissru kelma jew terminu partikulari.

*Is-Sur Mangion huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

~ • ~

**Il-VTS: mod kif nitgħallmu minn xulxin**
Ian Zammit

Reċentement kelli l-opportunità li nieħu sehem fil-programm Visiting Translator Scheme (VTS). Għal ġimagħtejn kont 'misluf' lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-Palazz, il-Belt. Hemmhekk stajt nitgħallem mill-esperjenza estensiva ta' dan l-Uffiċċju, li ilu jittraduċi l-liġijiet għal aktar minn 70 sena.

Matul il-mawra tiegħi, l-Uffiċċju tal-AĠ kien qed jaħdem fuq il-liġi li permezz tagħha ddaħħal id-divorzju f'Malta. Il-Kumitat Parlamentari għall-introduzzjoni tad-divorzju kien qed jiltaqa' kuljum u ż-żewġ naħat tal-kamra kienu qed jibagħtu l-emendi proposti tagħhom kuljum.

Dawn kienu jintbagħtu bil-Malti u sas-seduta tal-għada kellhom ikunu tradotti għall-Ingliż biex il-Kumitat ikun jista' jiddiskutihom. L-Avukat Ġenerali kien parti minn dan il-Kumitat Parlamentari u kelli l-opportunità li nakkumpanjah f'waħda minn dawn is-seduti.

Minbarra li jittraduċi l-liġijiet li jkunu qed jiġu diskussi fil-Parlament, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jara wkoll li l-Avviżi Legali u l-Ordnijiet tal-President li joħorġu mill-Ministeri jkunu ta' kwalità tajba. Dan jinkludi reviżjonijiet ta' Avviżi Legali li jkunu qed jittrasponu Direttivi tal-Unjoni Ewropea. Minn dawn l-Avviżi Legali wieħed jista' jinnota li ħafna mit-test ikun jixbah lil dak tad-Direttiva, jiġifieri lit-test li nkunu ttraduċejna aħna fil-Lussemburgu. Dan ifisser li x-xogħol tagħna spiss jispiċċa wkoll jagħmel parti mil-Liġijiet ta' Malta.

Waqt iż-żjara tiegħi kelli wkoll l-opportunità nippreżenta l-IATE lill-persunal tal-Uffiċċju


L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali

tal-Avukat Ġenerali. Din l-għodda terminoloġika tant utli għalina jidher li għadha pjuttost skonoxxuta fid-Dipartimenti tal-Gvern Malti. Anke minħabba nuqqas ta' softwer disponibbli għat-traduzzjoni bil-Malti, din il-bażi ta' dejta ntlaqgħet sew mill-Uffiċċju tal-AĠ.

*Dr Zammit huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

## Il-Proġett tad-Dizzjunarju ta' Aquilina online

Alan Delia

Minn mindu l-għodod elettroniċi daħlu biex jgħinuna u jħaffulna tista' tgħid l-oqsma kollha tax-xogħol u tar-riċerka, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ħass il-ħtieġa li l-Malti wkoll ikollu dizzjunarju mqiegħed fuq l-internet, minn fejn kulħadd jista' jikkonsultah meta u kif irid. Il-preżenza online ta' tant dizzjunarji, kemm tal-ilsna l-'kbar' kif ukoll ta' ilsna ta' komunitajiet żgħar bħal tagħna, kompliet saħħet din il-ħtieġa.

Il-proġett tad-dizzjunarju Malti online jibni fuq id-Dizzjunarju ta' Aquilina li bħalissa huwa l-aqwa xogħol u l-iktar wieħed komplet li għandna f'idejna. Fi kliem il-Prof. Manwel Mifsud, li qed imexxi dan il-proġett, "kienet tkun bluha li nerġgħu nippruvaw nibdew mill-qiegħ u rajna li kien jaqbel li nibnu fuqu."



F'din l-intervista li Alan Delia għamel lill-Prof. Mifsud insiru nafu aktar dwar ix-xogħol li għaddej fuq dan id-dizzjunarju u dwar x'vantaġġi se jġib miegħu ladarba jkun lest, dejjem jekk wieħed jista' qatt juża l-kelma 'lest' għal proġett online marbut mal-lingwa.

**1. X'inhu l-involviment tiegħek fil-proġett tad-Dizzjunarju online?**

Wara l-istudji tal-Baċellerat f'Malta u mbagħad tliet snin ta' studju fuq l-ilsna Semitiċi fl-Università La Sapienza, jiena kont l-uniku kollega tal-Prof. Ġużè Aquilina għal seba' snin sħaħ, bejn l-1971 u l-1978, li kienu l-ewwel snin ta' ħidma fuq id-dizzjunarju. Kont inkarigat mill-organizzazzjoni tal-binja grammatikali, minn ħafna mill-etimoloġija u mill-preżentazzjoni prattika tad-dizzjunarju. Ma' Aquilina ddiskutejt u qsamt id-deċiżjonijiet importanti li kellhom jittieħdu sakemm wasalna għal format aċċettabbli, riċetta li bin-nuqqasijiet kollha tagħha għadha taqdi tajjeb lil tant atturi fil-qasam lingwistiku. Dan id-dizzjunarju rajtu jitwieled u jitfarfar. Iktar tard, kien l-aktar bl-insistenza tiegħi li din il-ħolma ta' dizzjunarju Malti online bdiet riesqa lejn it-twettiq tagħha. U naħseb li kien għal dawn ir-raġunijiet li l-Kumitat tad-Dizzjunarju għoġbu ġentilment jafdani bit-tmexxija effettiva tal-proġett, li se jitlaq formalment mill-bidu tal-2012.

Ħabat tajjeb li l-interess tagħna fit-tkabbir u x-xandir ta' dizzjunarju online sab il-qbil u l-appoġġ sħiħ u ġentili tal-Midsea Books, li huma kemm il-pubblikaturi kif ukoll is-sidien tad-drittijiet tad-dizzjunarju. Din is-sinerġija għamlitilna l-qalb biex nidħlu għall-proġett bl-almu kollu tagħna.

**2. X'vantaġġi jġib miegħu dizzjunarju online?**

Vantaġġi kbar. Qabelxejn, l-aktar vantaġġ ovvju, il-**kumdità**. Illum li, aktar iva milli le, niktbu billi nittajpjaw bil-kompjuter, huwa komdu ħafna li żżomm id-dizzjunarju miftuħ fuq l-iskrin biex tikkonsultah malli tiġi bżonnu, mingħajr ma jkollok tqandel jew tqalleb xi volum kbir. M'għandniex xi ngħidu, il-fakultà eċċellenti tat-tiftix (*search*) hija wisq eħfef u iktar immedjata.

Dizzjunarju huwa wkoll **għodda normattiva** importanti. Malli jiġina dubju fuq kif għandha tinkiteb kelma, x'inhu l-plural tagħha, xi prepożizzjoni għandha tieħu, eċċ., arana nifthu dizzjunarju u nfittxuha. Noqogħdu fuqu bħala awtorità. Kif jaf kull min jaħdem fil-qasam tal-lingwa, il-Malti għadu ftit nieqes f'dik li hija norma ċara tal-kitba u tal-użu tal-kliem, l-aktar għaliex għadu ma tħaddimx wisq fl-oqsma formali. Dizzjunarju awtorevoli għandu jkun ta' għajnuna kbira u ta' serħan il-moħħ dwar il-forma u s-siwi semantiku tal-kelma għal kull min jikteb bil-Malti, l-aktar fil-qasam tat-tagħlim, tal-pubblikazzjoni u tat-traduzzjoni.

Fil-kuntest partikolari tagħna, imbagħad, id-dizzjunarju online għandu jħaffef **in-**

**normalizzazzjoni** tal-Malti billi joħloq komunikazzjoni iktar uniformi u immedjata bejn il-komunità li titkellmu u tiktbu f'Malta, il-ġemgħa kbira ta' tradutturi li jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll il-firxa kbira ta' emigranti Maltin fl-Awstralja, fil-Kanada u bnadi oħra. M'hemmx dubju li d-dizzjunarju online ikompli jsaħħaħ il-pont tal-lingwa Maltija li jgħaqqad tant tajjeb lil dawn il-komunitajiet.




Irridu nifhmu wkoll li dizzjunarju online mhuwiex sempliċiment kopja tad-dizzjunarju tal-karta li tista' taqraha fuq il-kompjuter. Din qabża fil-kwalità, fażi ġdida tal-lessikografija, għax il-medju l-ġdid jiftħilna orizzonti għalkollox ġodda. Fil-fatt beħsiebna nisfruttaw **il-kwalitajiet interattivi** li joffrulna l-mezzi elettroniċi, biex min juża d-dizzjunarju ma jibqax utent passiv li jfittex il-kliem u jirċievi t-tifsir kif jagħmel bħalissa, imma jkun jista' jgħinna nżiduh, naġġornawh u ntejbuh billi jikkontribwixxi kliem, tifsir u espressjonijiet Maltin li s'issa għadhom ma nqabdux fix-xibka tal-lessikografu.

Illum, b'differenza mid-dizzjunarji tradizzjonali fejn il-lessikografu ma setax ħlief jistrieħ fuq l-għarfien tiegħu u ta' ftit nies madwaru, permezz tal-interattività d-Dizzjunarju online jista' jsir proġett nazzjonali, frott ta' kollaborazzjoni bejn il-Maltin kollha. B'hekk ikun tabilħaqq, kif sejjaħlu tant tajjeb Agius de Soldanis, wieħed mill-eqdem lessikografi ta' lsienna, "damma tal-kliem... imxerred fil-fomm tal-Maltin u l-Għawdxin". Min isegwi l-programm *Kelma Bejnietna* li nieħu sehem fih kull nhar ta' Sibt fuq l-RTK jista' jieħu idea żgħira ta' kif nistgħu nużaw il-mezzi ta' komunikazzjoni interattivament u x'nistgħu niksbu bihom f'din id-direzzjoni.

**3. Fiex wasal ix-xogħol, u meta nistgħu nistennew li jibda online?**
Twaqqaf il-Kumitat tad-Dizzjunarju Malti Online magħmul minn rappreżentanti tal-Kunsill tal-Malti u ta' Midsea Books. Xogħol dan il-Kumitat hu li jfittex ir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa u li jmexxi l-proġett 'il quddiem. L-ewwel diffikultà kienet li ż-żewġ volumi tad-dizzjunarju, jiġifieri t-taqsima Malti-Ingliż, ma kinux diġitalizzati, għax inħadmu qabel il-wasla tal-kompjuter fostna. Dan kien ifisser li aktar minn 1,600 paġna kellhom jiġu skennjati u mibdulin f'verżjoni diġitali permezz ta' softwer li jagħraf l-ittri (OCR) u mbagħad jissaffew mill-bosta nuqqasijiet li joħorġu waqt dan il-proċess. Xogħol kbir li fih sibna l-għajnuna siewja tal-Università ta' Arizona fl-Istati Uniti, u l-aktar tal-Prof. Adam Ussishkin, li diġà kellha interess kbir fl-istudji Maltin u li hija armata ħafna b'apparat u b'esperjenza ta' dan it-tip ta' xogħol. Issa l-volumi kollha huma diġitalizzati u għoddhom ikkoreġuti, u wasalna biex nibdew ix-xogħol ta' aġġornament u noħolqu l-links elettroniċi li jridu jorbtu kull referenza. Bħalissa qed jinbena tim ta' studjużi, konsulenti u esperti tekniċi li se jkunu jaħdmu biex, wara l-korrezzjonijiet, l-aġġornamenti u l-bidliet meħtieġa, id-dizzjunarju jittella' fuq l-internet.

Imma l-frott ta' dan ix-xogħol kbir ma narax kif jista' jibda jidher online qabel, ngħidu aħna, sena u nofs oħra.

**4. L-ewwel volum tad-dizzjunarju stampat ħareġ fl-1987, u mhux dejjem isegwi r-regoli uffiċjali tal-kitba. Il-proġett ta' Aquilina online se josserva r-regoli uffiċjali kollha?**
Kif qed tgħid, meta ħareġ id-dizzjunarju Malti-Ingliż, dan ma kienx jimxi għalkollox mar-

regoli uffiċjali tal-ortografija. Nistqarr li kont inħsadt mhux ftit malli ftaħtu, għax meta ħallejt ix-xogħol tad-dizzjunarju fl-1978 ma kienx hemm virgola li ma kinitx konformi mar-regoli. U r-regola għandha tkun regola, dejjem u għal kulħadd. Hi kif inhi, nista' nserraħlek rasek li l-eżerċizzju ta' korrezzjoni u aġġornament se jibda sewwasew billi jsewwi dawk il-punti li fihom id-dizzjunarju mhux konformi, bħalma huma ż-żamma tal-konsonanti dgħajfin doppji fi kliem bħal *jitkejjlu, issajjru, sawwmu* (flok *jitkejlu, issajru, sawmu*), u t-tagħqid tal-partiċella *il* man-numri minn 11 sa 19 bħal *ħmistaxil, sbataxil* (flok *ħmistax-il, sbatax-il*). L-ordni tal-kliem se ssegwi strettament dik tal-alfabett uffiċjali, għax Aquilina (bħal Sutcliffe fl-1936) kien għażel li jqiegħed l-ittra *għ* wara n-*n* minflok bejn il-*g* u l-*h*.



Prof. Ġużè Aquilina

Barra minn dan, mill-pubblikazzjoni taż-żewġ volumi tal-Malti-Ingliż (1987, 1990) saru żewġ riformi uffiċjali fl-ortografija, l-*Aġġornament* tal-1992 mill-Akkademja tal-Malti u d-*Deċiżjonijiet 1* tal-2008 mill-Kunsill tal-Malti.

Min se juża d-dizzjunarju online jista' jserraħ rasu li dan se jkun aġġornat għalkollox mar-regoli uffiċjali tal-kitba.

**5. Il-kontenut tad-dizzjunarju online kif se jkun differenti mid-dizzjunarju ta' bħal-issa?**

Ngħidlek mill-ewwel li d-dizzjunarju sa mill-bidu kien inħadem bi kriterji lingwistiċi serji ħafna, li jirrispettaw kemm ir-rigorożità tax-xjenza lessikografika u kemm in-natura ta' lsienna bħala lsien ta' nisel Semitiku imma lsien imħallat. F'dan aħna xxurtjati li diġà għandna pedament sod fuqiex nibnu.

Imma mindu ndamm dan id-dizzjunarju sal-lum, sar ħafna progress kemm mil-lat tal-għarfien lingwistiku kif ukoll fil-mezzi ta' komunikazzjoni, progress li beħsiebna nieħdu kull vantaġġ li joffrilna, għaliex nemmnu li l-Malti ma jixraqlu xejn inqas minn kull ilsien ieħor.

Id-dizzjunarju online irid jieħu wisa' ġdid, bi ftuħ kemm lejn il-futur kif ukoll lejn l-imgħoddi.

Lejn il-futur biż-żieda ta' bosta termini ġodda li llum ilsienna ma jistax jgħaddi mingħajrhom, jekk irriduh ilsien Ewropew progressiv. Għandi f'moħħi, ngħidu aħna, bosta termini ġodda miġburin jew maħduma hawnhekk u li jinsabu f'għadd kbir ta' glossarji żgħar u kbar midfunin f'kotba jew f'teżijiet li nħadmu fid-Dipartiment tal-Malti jew fid-Dipartiment tat-Traduzzjoni fl-Università; kif ukoll tant termini ġodda żviluppati mit-tradutturi tal-UE, illum b'mod organizzat u b'kunsens wiesa'.

Dwar il-ftuħ lejn l-imgħoddi, irrid infakkar li ma għandniex naħsbu li l-kliem u l-espressjonijiet tal-lingwa Maltija nġabru kollha. Ta' kuljum niskopru kliem li huwa mxerred fost il-Maltin, forsi reġjonalment, imma li għadu ma jinsabx fid-dizzjunarji, u dan għandu jinġabar. F'dimensjoni iktar storika, id-Dipartiment tal-Malti issa ilu snin jagħti teżijiet li fihom l-istudenti jiflu d-dokumenti qodma tal-Malti, sa mill-eqdem wieħed, u joħorġu minnhom tagħrif ta' kliem qadim, kif ukoll jiddataw l-eqdem użu u l-istorja ta' kull kelma. Naf li Aquilina kien xtaq jasal għal dizzjunarju storiku tal-Malti u ma sabx il-ħin, għax dan huwa xogħol li jitlob ħin, reqqa u sabar. Imma nemmnu li, meta dan it-tagħrif kollu jinġabar fid-dizzjunarju, għandhom jidhru wisq aħjar l-għana tal-ilsien Malti u l-istorja tiegħu, u jikber il-prestiġju tiegħu bħala lsien li għandu storja daqskemm futur.

Għall-etimoloġija, impenjajna l-aħjar studjużi tagħna kemm tal-Għarbi Klassiku u djalettali kif ukoll tar-Rumanz (Sqalli, Taljan u d-djaletti tagħhom) biex nibdew nirrevedu nisel il-kliem, għax minn żmien Aquilina ħarġu għadd ta' dizzjunarji djalettali fuq iż-żewġ xaqlibiet li qed jindikawlna rabtiet etimoloġiċi li huma wisq eqreb minn dawk li seta' jasal għalihom hu bl-għodod li kellu f'idejh.

Beħsiebna nżidu wkoll il-kitba fonetika ta' kull kelma biex wieħed ikun jaf kif tinqara, u – biex nersqu iktar lejn l-utent komuni – bdejna naħdmu biex ma' kull kelma jkollna fajl WAV li malli tagħfas fuqu tisma' leħen li jippronunzjahielek.

Għandna wkoll il-ħsieb li 'l quddiem id-dizzjunarju jkun imsieħeb minn serje ta' tabelli bi tpinġijiet ta' oġġetti jew ambjenti differenti, li jirfdu t-tifsira miktuba tal-kliem.

Kif qed tara, illum meta taħseb fil-mezzi biex twassal it-tifsir, kif jgħidu l-Ingliżi "the sky is the limit". U aħna għandna quddiemna programm ambizzjuż ħafna, daqs dak ta' ilsna oħra, anke jekk nafu li rridu nilħquh pass pass u tarġa tarġa.

Għall-ewwel fażi, aħna nkunu kuntenti jekk intellgħu d-dizzjunarju Malti-Ingliż bil-korrezzjonijiet u l-aġġornamenti kollha meħtieġa, biex l-utent ma jdumx ma jibda jinqeda.

Sadanittant inkomplu naħdmu fuq il-parti Ingliż-Malti, li tkun it-tieni fażi. Iż-żidiet l-oħra li semmejt se jkunu qed jiżdiedu minn żmien għal żmien, ladarba bis-saħħa tal-mezzi elettroniċi kull bidla tista' tittella' immedjatament.

**6. Waħda mill-akbar sfidi wara li jkun varat ix-xogħol hi li jrid ikun hemm korp li jieħu ħsieb l-aġġornament tiegħu. Xi pjanijiet hemm f'dan is-sens?**

Qed nieħu pjaċir li din il-ħtieġa tħossha u semmejtha. Id-dizzjunarju, bħal kull ħaġa ħajja, jinbidel kontinwament u jista' jeqdiem u jiskadi jekk ma jkollux min jaġġornah ta' kuljum bi kliem u tifsiriet ġodda (u qodma) li jinqalgħu minn żmien għal żmien. Ma nixtiqux li d-dizzjunarju jiġrilu bħal tant inizjattivi li, wara sforz kbir fil-bidu, jitħallew jindifnu taħt l-għabra taż-żmien. Anke wara li nvarawh sħiħ fuq l-internet, irid ikollna korp permanenti li jieħu ħsieb dan l-aġġornament kontinwu.

Għalissa jidher li nistgħu nserrħu rasna għall-ewwel sentejn, bil-kooperazzjoni ġentili tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, tal-Università u taż-żewġ istituzzjonijiet involuti fit-tmexxija tiegħu.

Imma l-proġett taż-żamma u l-kodifikazzjoni tal-ilsien nazzjonali huwa **proġett nazzjonali** li jeħtieġ l-appoġġ ta' kull min jemmen fis-siwi tal-kultura Maltija. Ewlieni fost dawn għandu jkun il-poplu Malti nnifsu permezz tar-rappreżentanti tiegħu fil-Gvern. Imma nistennew li dan il-proġett essenzjali jsib ukoll l-



*Sors: Websajt tal-iskola ta' Ta' Sannat, Għawdex.*

appoġġ – morali u ekonomiku – ta' entitajiet oħra f'Malta u barra, u – għaliex le? – tal-Unjoni Ewropea, li tista' tikseb ġid kbir għall-ħaddiema tagħha minn xogħol bħal dan. Bħalissa l-Kumitat qed jagħmel ħiltu biex isib kontributuri ġenerużi li jassiguraw il-kontinwazzjoni ta' dan il-proġett.

**7. Id-dizzjunarju ta' Aquilina għadda mill-ewwel reviżjoni radikali meta ġiet ippubblikata l-verżjoni konċiża. Mid-dehra r-reviżjoni preżenti se tkun sostanzjali wkoll. Kemm se nkunu nistgħu nibqgħu nsejħulu "id-dizzjunarju ta' Aquilina"?**

Bħala lingwista serju, il-Prof. Aquilina dejjem żamm quddiem għajnejh li l-lingwa hija tal-poplu li jitkellimha u li l-lessikografu ma jagħmilx ħlief jiġborha u jiddeskriviha, b'umiltà u b'ammirazzjoni kbira. Fil-fatt l-isem "ta' Aquilina" huwa isem li tawh in-nies spontanjament u meritatament. Imma hu kien għażel li jsemmih sempliċiment *Maltese-English Dictionary* u *English-Maltese Dictionary*. Isiru kemm isiru tibdiliet u żidiet lid-dizzjunarju tiegħu, l-akbar dejn jibqa' dejjem lejn Ġużè Aquilina, l-arkitett ewlieni tiegħu, u m'hemmx dubju li dan se jibqa' rikonoxxut. Anzi ngħidlek li l-ħolma tagħna hija li naslu għad-dizzjunarju li żgur li Aquilina kien iħabrek biex ikollna kieku kien għadu magħna llum.

**8. Dan hu l-ewwel proġett biex dizzjunarju Malti jkun ippubblikat fuq l-internet. Ma taħsibx li ħadna wisq żmien? X'żammna lura?**

Jista' jkun. Tajjeb li wieħed jiftakar illi li taħdem dizzjunarju ta' lsien, imqar jekk ikun "ilsien żgħir" kif iħobbu jsejħu lill-Malti, huwa xogħol kbir ħafna. Anzi dizzjunarju ta' lingwa bħal tagħna jaf ikun itqal, għax ma jkollokx tant mudelli ta' dizzjunarji fl-istess ilsien li nħadmu qabel u li fuqhom tista' tistrieħ. Mill-banda l-oħra, ir-riżorsi umani u ekonomiċi ta' pajjiż żgħir huma limitati ħafna. U tinsiex li proġetti dwar elementi "inviżibbli" tal-kultura, bħal-lingwa, spiss jintefgħu fil-qiegħ tal-prijoritajiet.

Imma jien magħmul inħares dejjem 'il quddiem, u bl-ottimiżmu. Jekk l-imgħoddi kien imdallam, il-ġejjieni jidher wisq iktar imdawwal. Huwa ottimiżmu li nħossu kemm fil-Kumitat kif ukoll fit-tim tad-Dizzjunarju li qed jinbena, u qed inissel fina enerġija kbira.

**9. X'inhuma l-akbar sfidi li qed jiffaċċja l-ilsien Malti llum, u taħseb li dan il-proġett se jindirizza mqar uħud minnhom?**

Diġà semmejt oqsma li fihom id-dizzjunarju għandu jgħin u problemi li jista' jsolvi. Il-Malti miktub għandu bżonn iktar ċertezzi, iktar għażliet bejn forom alternattivi, u naħseb li dawn il-kittieb ta' kull lingwa jfittixhom u għandu jsibhom f'dizzjunarju tajjeb. Semmejt ukoll li d-dizzjunarju għandu jgħin fit-tkabbir tal-vokabolarju u fil-ġbir tat-terminoloġija ta' oqsma partikolari, li lsienna għadu kif beda jitħaddem fihom.

Imma naħseb li l-akbar sfida u l-isbaħ prospett li għandna quddiemna huwa kif se ninqdew b'dan id-dizzjunarju biex, permezz tal-interattività, noħolqu pont two-way bejn il-lessikografu u l-utent, hekk li l-istudenti, it-tradutturi, il-kittieba, il-Maltin li jużawh fid-dar u fuq ix-xogħol iħossuhom biċċa minn dan il-proġett nazzjonali u – permezz tagħna – bennejja tiegħu. Dan għalija jkun l-akbar sodisfazzjon.

*Is-Sur Delia huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea u l-Korrispondent tal-Librerija tad-Dipartiment tal-Malti.*

~ • ~

**Għodda għal kwalità aħjar**

Bernard Cachia

Meta nikteb **ewro**, u meta **euro**?

Nikteb **ċertu regola**, jew **ċerta regola**?

L-imbierek spazju fiss irrid dejjem nagħmlu man-numri?

Il-hyperlinks irrid nittraduċihom?

X'ngħidu: **20 suldat mar** jew **20 suldat marru** għall-gwerra?

Il-Gwida tal-Istil tad-Dipartiment tal-Malti (http://ec.europa.eu/translation/maltese/guidelines/documents/styleguide_maltese_dgt_mt.pdf) hija għodda importanti li d-Dipartiment juża biex jistandardizza l-prodott tiegħu u jassigura livell konsistenti ta' kwalità, l-aktar f'dak li jirrigwarda l-użu tal-lingwa u l-preżentazzjoni.

L-għan tagħha huwa li tiggwida lit-tradutturi hija mhux biss tirrispettahom b'mod sħiħ, iżda toffri wkoll taqsira utli tal-prinċipji ewlenin tagħhom fejn meħtieġ u tmur ukoll lil hinn minnhom f'dak li jirrigwarda għażliet stilis-tiċi rele-vanti għax-xogħol ta' kuljum tagħna. Il-ħsieb hu li t-traduttur, wara li jkun iffamiljarizza ruħu mas-sorsi primarji kollha u mal-Gwida Dipartimentali nnifisha, imbagħad jużaha fuq bażi regolari bħala l-ewwel



meta jkollhom quddiemhom għażliet ta' natura stilistika, mingħajr ma toħloq uniformità żejda li toqtol il-kreattività. Il-Gwida tipprovdi wkoll ħarsa lejn il-prinċipji li t-traduttur jeħtieġ biex jasal għal soluzzjonijiet korretti, meta jkun iffaċċjat b'informazzjoni li xi kultant tidher mhux konsistenti, u li tkun ġejja minn sorsi li fil-qasam tagħhom ikunu awtorevoli.

F'bosta każijiet, il-Gwida tmur lil hinn ukoll mill-prinċipji, u tipprovdi risposti u eżempji speċifiċi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda żbalji komuni li fil-passat kellhom impatt sproporzjonat fuq il-kwalità. F'każijiet oħra, il-Gwida tagħti wkoll għajnuna prattika dwar kif għandhom jintużaw l-għodod elettroniċi biex ikunu jistgħu jinkitbu testi li jirrispettaw ir-regoli ortografiċi tal-Malti u l-ħtiġijiet tal-Istituzzjoni. Għalkemm il-Gwida tal-Istil hija biss għodda Dipartimentali, u ma tiħux post il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali jew is-sorsi primarji l-oħra (fosthom id-dokumenti maħruġa mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u, qablu, l-Akkademja tal-Malti), fil-fatt għajnuna f'każ ta' diffikultà u bħala gwida dwar kif għandu jirrikonċilja s-sorsi differenti. Madankollu, il-Gwida nnifisha ma hija la grammatika tal-Malti u lanqas deskrizzjoni sħiħa tas-sistema ortografika tal-Malti.

Il-Gwida hija proġett li jibqa' għaddej, mhux biss għax bħal kull ħaġa oħra tista' dejjem tibqa' tittejjeb, iżda wkoll għax il-ħtiġijiet tad-Dipartiment jibqgħu jinbidlu maż-żmien, u għax bosta mis-sorsi li fuqhom il-Gwida hija bbażata għadhom huma stess qed jevolvu.

It-tieni edizzjoni tal-Gwida ħarġet f'Marzu 2011 u fiha mhux biss diversi punti ġodda iżda wkoll riorganizzazzjoni ta' xi punti inklużi fl-ewwel edizzjoni u żidiet u bidliet fl-eżempji. Kulħadd huwa mistieden iressaq is-suġġerimenti tiegħu jekk iħoss li għandhom jiġu inklużi xi punti oħra fil-futur jew jekk iħoss li jistgħu jsiru xi tibdiliet oħra utli.

*Is-Sur Cachia huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

**L-istorja ta' Malta mil-lenti lingwistika**
Alessandro Mangion

B'liema lsien kienu jitkellmu l-bennejja tat-tempji megalitiċi? In-nies tal-gżira kienu jitkellmu bil-Puniku, bil-Latin u bil-Grieg matul il-ħakmiet twal tal-Kartaġiniżi, tar-Rumani u tal-Biżantini? Kif tnissel il-Malti? Għaliex l-abitanti lokali baqgħu jitkellmu bil-Malti taħt in-Normanni, l-Iżvevi, l-Aragoniżi,




il-Kastiljani u l-Kavallieri ta' San Ġwann, meta Sqallija u l-inħawi ta' Spanja fejn kienu jitkellmu bl-Għarbi qalbu għall-Isqalli u għall-Ispanjol? Għaliex il-Maltin irreżistew l-ingleżizzazzjoni? Il-Malti kif sar "lingwa"? Għaliex l-Ingliż f'Malta llum huwa f'pożizzjoni ferm aktar b'saħħitha milli kien qabel it-Tieni Gwerra Dinjija?

Dawn huma ftit mill-mistoqsijiet li jgħarbel l-aktar ktieb riċenti tal-Prof. Joseph M. Brincat, *Maltese and other languages*, li jirrakkonta l-istorja ta' Malta mil-lenti lingwistika.

"Ippruvajt negħleb il-kunċett tradizzjonali ta' 'tagħna' u 'mhux tagħna', b'kunċett wiesa' ta' patrimonju, bħal dak li napplikaw għall-arkitettura, għall-arti, għall-mużika u għall-kultura inġenerali," ikkummenta l-awtur ma' *l-aċċent*. "Hekk, kull lingwa li ntużat jew tintuża f'Malta tagħmel parti mill-patrimonju tagħna, iżjed u iżjed jekk għenet biex jiġi ffurmat il-Malti tal-lum. Ippruvajt ukoll infiehem għaliex qamu ċerti kwistjonijiet fil-passat, u dan eżaminajtu fid-dawl tal-iżvilupp tat-teoriji lingwistiċi, biex kollox jiġi ppreżentat fil-prospettiva storikokulturali dinjija. Spjegajt ukoll l-istandardizzazzjoni fil-wisa', mhux marbuta biss mal-letteratura imma wkoll mal-ġrajjiet u ċ-ċirkostanzi storiċi, bħalma huma d-demografija, il-kummerċ, l-informazzjoni (l-istampa u x-xandir) u d-divertiment (l-opri, it-teatru, iċ-ċinema, it-televiżjoni)."

Il-ktieb, bl-Ingliż, hu ppubblikat mill-Midsea Books u fih 536 paġna. Huwa verżjoni aktar iddettaljata tal-edizzjoni bil-Malti *Il-Malti: Elf Sena ta' Storja* (PIN 2000, 236 paġna). L-istatistika u l-bibljografija tiegħu jaslu sal-2010.

*Is-Sur Mangion huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

~ • ~

***Stedina għal kontributi***

Dan il-ġurnal għalaq sentejn u ma nistgħux ma nħarsux lura mingħjar sens ta' sodisfazzjon għal dak li flimkien irnexxilna niksbu sa issa. Bis-saħħa tal-interess li wrejtu u l-artikli li bgħattu, din il-pubblikazzjoni jidher li qabdet ritmu tajjeb u qed tqajjem interess anke barra mill-konfini tal-istituzzjonijiet tal-UE.

Sabiex dan ir-ritmu nsostnuh, inħeġġukom biex tibqgħu tibagħtu kontributi fuq l-aspetti kollha li huma ta' interess u/jew li jqajmu diskussjoni.

Grazzi lil kulħadd.

**Dun Karm it-traduttur: il-50 anniversarju mill-mewt tal-poeta nazzjonali**
Ivan Said

Matul din is-sena ġew organizzati ħafna attivitajiet biex jitfakkar il-50 anniversarju mill-mewt tal-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila. Bix-xieraq li Malta tfakkar lil dan il-poeta li tul ħajtu tħabbeb mal-poeżija u ma' lsien pajjiżu. Hu laħaq il-quċċata poetika tiegħu bil-kitba u l-pubblikazzjoni ta' *Il-Jien u Lilhinn Minnu* fl-1938, wara li kien ittraduċa mit-Tajlan *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo. Il-kitba ta' *Il-Jien u Lilhinn Minnu* kienet risposta filosofika għal *L-Oqbra* ta' Foscolo. Anzi, fi kliem il-poeta stess, "[il-poema "Il-Jien u Lilhinn Minnu"] kellu jkun is-sieħeb u t-temma ta' *L-Oqbra* ta' Ugo Foscolo" biex b'hekk isiru "l-biċċtejn xogħol tiegħi [ta' Dun Karm] l-aktar importanti sewwa fl-għalqa tal-letteratura u sewwa fl-għalqa tas-sentiment nazzjonali"[1].

Skont il-Professur Oliver Friggieri, b'*L-Oqbra* u b'*Il-Jien u Lilhinn Minnu* l-poeta jilħaq il-qofol tal-perijodu 1927-1938 li "aktarx [hu] l-iżjed wieħed għani tul il-ħidma poetika tiegħu [ta' Dun Karm] kollha, hu dokument uman u letterarju tal-akbar importanza fl-istudji tiegħu bħala bniedem u bħala artist."[2]

Kien il-poeta stess li spjega l-motiv tiegħu wara t-traduzzjoni f'taħdita li ta fl-1942 lis-surmastrijiet tal-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ u xi ħbieb tagħhom: "Jiena xtaqt b'qalbi kollha u bis-saħħa ta' fehmti kollha, nuri lil ħuti l-Maltin illi l-ilsien Malti – li kien x'kien hu l-ilsien tagħna – jista' jnissel u jrabbi minnu nnifsu dawk ix-xejriet kollha karatteristiċi li jinsabu fi lsien letterarju; u fl-1927, meta l-Italja kienet qiegħda tfakkar bil-ġieħ kollu tal-ewwel mitt sena mill-mewt ta' Ugo Foscolo, għaddieli minn rasi l-ħsieb li naqleb fil-Malti



l-*Carme* famuż tiegħu... meta fl-1929 aħna l-Maltin, u l-aktar aħna ż-Żebbuġin, konna qegħdin infakkru, bil-ġieħ li jistħoqqlu, l-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' Mikiel Anton Vassalli, il-missier tal-Ilsien Malti bħala l-ilsien nazzjonali, il-ħsieb li naqleb *I sepolcri* tefa' għeruq ħoxnin f'moħħi u f'qalbi, intfajt għax-xogħol, u fl-1932 it-traduzzjoni ta' *I sepolcri* kienet ħaġa mitmuma"[3]. *L-Oqbra* kienet ippubblikata mill-Istamperija tal-Gvern fl-1936.[4]

[1] Dun Karm Psaila, "Taħdita fuq il-poeżija Maltija", *Lehen il-Malti*, Sena XXIX, 1960, Għadd 1 (Malta: L-Għaqda tal-Malti (Università), 1960) 1.

[2] Oliver Friggieri, "Dun Karm – Il-bniedem fil-poeta" (Valletta, Klabb Kotba Maltin: 1980), 70.

[3] Dun Karm Psaila, "Taħdita fuq il-poeżija Maltija", *Lehen il-Malti*, Sena XXIX, 1960, Għadd 1, (Malta: L-Għaqda tal-Malti (Università), 1960) 10-11.

[4] "I sepolcri" ta' Ugo Foscolo nqalbet ukoll għall-Ingliż, "The Tombs", mill-poeta Ġorġ Żammit għall-ħabta tal-1939. Għal aktar tagħrif dwar iż-żewġ traduzzjonijiet ara t-teżi tal-BA (bl-Unuri) tal-Malti tal-1971 ta' Godwin Degabriele, "Il-qlib ta' *L-Oqbra* ta' Dun Karm u *The Tombs* ta' Ġorġ Żammit – Studju Komparattiv".



raħal u kompla fis-Seminarju bejn l-1885 u l-1891. Baqa' hemm sal-1888 jistudja l-Filosofija u fl-1890 daħal l-Università ta' Malta biex jistudja t-Teoloġija.

Dun Karm ġie ordnat qassis fl-1894. Bejn l-1895 u l-1921 għallem bosta suġġetti fis-Seminarju. Fl-1921 ġie nominat Kanonku Onorarju tal-Kapitlu tal-Katidral. Fl-istess sena nħatar Assistent Librar fil-Librerija Nazzjonali u sentejn wara nħatar direttur tas-circulating libraries, pożizzjoni li żamm sa meta rtira fl-1936. Fl-1945 kiteb l-Innu Malti.

Dun Karm għex il-parti l-kbira ta' ħajtu Tas-Sliema sa ma miet fit-13 ta' Ottubru 1961. Hu ndifen fiċ-ċimeterju ta' raħal twelidu.[7]

*Is-Sur Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

[7] Michael J. Schiavone, ed., 'Psaila, (Dun) Karm', *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. II G-Z, (Malta: PIN, 2009), 1327.

"Dan it-tisħib ideali bejn it-traduzzjoni ta' opra romantika Taljana ewlenija u l-personalità ta' patrijott romantiku Malti," jikteb il-Professur Friggieri, "jindika l-għan doppju ta' Dun Karm, għan estetiku letterarju u għan lingwistiku nazzjonali"[5].

Minkejja li għandna din l-evidenza diretta minn fomm il-poeta li *Il-Jien u Lilhinn Minnu* kienet risposta għal *L-Oqbra*. Mons. Lawrenz Cachia, Żebbuġi bħal Dun Karm, awtur u midħla sew taċ-ċrieki tal-istudji tal-Malti, isostni li "din ma kinitx ħlief qlajja'" li "tant imxiet li beda jemminha Dun Karm innifsu".

Skont Mons. Cachia, il-ktieb li "aktarx" nebbaħ lil Dun Karm biex jikteb *Il-Jien u Lilhinn minnu* hu *The Broad View* tal-awtur Franċiż Joseph Serre maqlub għall-Ingliż minn Charles E. Benham, li minnu "ħa biss it-tema jew suġġett, xejn aktar"[6].

Imwieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871, Dun Karm Psaila studja fl-iskola primarja tar-

[5] Oliver Friggieri, "Dun Karm – Il-bniedem fil-poeta", (Valletta, Klabb Kotba Maltin: 1980), 68.
[6] Lawrenz Cachia, "L-ilsien Malti – il-bieraħ u l-lum", (il-Marsa: Sensiela Kotba Soċjalisti – Id-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit tal-Ħaddiema, 1994), 107.

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: l-accent@ec.europa.eu

***Koedituri***: *Alessandro Mangion, Louise Vella, Antoine Cassar*

***Distribuzzjoni***: *Maryann Agius*

***Impaġnar***: *Chris Galea u Alan Delia*

***Qari tal-Provi***: *Mark A. Vella, Angela Debono, Jennifer De Barro*

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*